



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1540 tal-15 ta' Mejju 2017 rigward il-miżura SA.40454 2015/C (ex 2015/N) li Franza beħsiebha tpoġġi fis-seħħ favur il-konsorzju CEB (notifikata bid-dokument C(2017) 3062)⁽¹⁾** 1

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1540

tal-15 ta' Mejju 2017

rigward il-miżura SA.40454 2015/C (ex 2015/N) li Franza beħsiebha tpoġġi fis-seħħ favur il-konsorzju CEB

(notifikata bid-dokument C(2017) 3062)

(It-test bil-Frañċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija ⁽¹⁾ u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Permezz ta' ittra fis-7 ta' Jannar 2015, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni b'sejħa għal offeriti għall-istallazzjoni u t-tħaddim ta' impjant tal-elettriku tat-tip tal-gass b'ċiklu kkombinat ("CCG") ⁽²⁾ fil-Brittanja. Bagħtet informazzjoni kumplimentari lill-Kummissjoni permezz ta' ittri fil-5 ta' Ġunju 2015, fl-10 u fis-17 ta' Settembru 2015.
- (2) Permezz ta' ittra fit-13 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni għarrfet lil Franza li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward ta' din il-miżura (id-"deċiżjoni ta' ftuħ").
- (3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom rigward il-miżura kkonċernata.
- (4) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar dan mill-partijiet interessati. Hija bagħtithom lil Franza u tatha l-possibbiltà li tikkummenta dwarhom, u rċeviet il-kummenti tagħha permezz ta' ittra fit-8 ta' Ġunju 2016.
- (5) Fit-12 ta' Mejju 2016 u fil-5 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lista ta' mistoqsijiet lill-awtoritajiet Franċiżi, u dawn irrispondew permezz ta' ittri fil-5 ta' Settembru 2016 u fil-5 ta' Ottubru 2016 ripsettivament. Fil-5 ta' Settembru l-Kummissjoni bagħtet lista ta' mistoqsijiet oħra lill-awtoritajiet Franċiżi, li wegħbuhom fil-5 ta' Ottubru 2016.

⁽¹⁾ ĠU C 46, 5.2.2016, p. 69.

⁽²⁾ Combined cycle gas turbine (turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat).

⁽³⁾ Tfakkira tan-nota Nru 1.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA

- (6) Is-sejħa għal offeriti u l-kuntest li wassal għat-tnejja tagħha huma deskritti fid-dettall fid-deċizzjoni ta' ftuħ (il-premessi (4) sa (29)). It-taqsimiet li ġejjin jiġbru fil-qosor din il-kwistjoni.

2.1. Is-sejħa għal offeriti

- (7) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-Bretanja hija mhedda bil-kapaċità baxxa ta' produzzjoni tal-elettriku f'dan ir-reġjun, bil-limiti tal-grilja, u biż-żieda fil-konsum u fit-termsensittività.
- (8) Fl-2010, diversi awtoritajiet Franċiżi iffirraw il-Patt dwar l-Elettriku fil-Bretanja ("PEB"), li huwa bbażat fuq dawn it-tliet pilastri: L-ewwel nett il-ġestjoni tad-domanda, it-tieni nett il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. It-tielet pilastru huwa magħmul minn tisħiħ u żvilupp tal-grilja elettrika lokali minn naħa u l-impjant ta' mezz ta' produzzjoni elettrika klassiku min-naħa l-oħra. Dan tal-aħħar huwa s-suġġett tal-miżura nnotifikata minn Franza.
- (9) Is-sejħa għal offeriti tiffirma parti mill-Artikolu L. 311-10 tal-Kodiċi tal-Enerġija. Is-sejħa għal offeriti Nru 2011/S 120-198224 ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2011 mill-Ministru responsabbli għall-enerġija. Dan tal-aħħar imbagħad għażel il-proġett magħżul skont l-opinjoni tal-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija (Commission de Régulation de l'Energie, "CRE"), li investigat il-proċedura b'mod konformi mar-regolamenti Franċiżi ⁽⁴⁾.
- (10) B'mod konformi mal-ispeċifikazzjonijiet, l-impjant tal-produzzjoni tal-elettriku irid:
- (1) juża t-teknoloġija taċ-ċikli kkombinati;
 - (2) ikollu potenza attiva garantita ta' 450 MW (+ 15/- 10 %) li l-produttur ikun impenjat li jkun jista' jdaħħal fil-grilja;
 - (3) juża esklużivament il-gass naturali bħala sors ta' enerġija primarja;
 - (4) ikollu effiċjenza elettrika fuq il-valur kalorifiku nett ⁽⁵⁾ (net calorific value, NCV) ta' minimu ta' 54 %;
 - (5) ikun lokalizzat kollu kemm hu fi spazju ddefinit sew (li jinsab fil-parti tal-Majjistral tal-Bretanja — il-kontea ta' Finistère);
 - (6) jiggarrantixxi li l-iskadenza għall-ħruġ tal-offerti ma taqbiżx il-ħmistax-il siegħa meta l-magna tkun wieqfa u sagħtejn meta l-magna tkun qed taħdem;
 - (7) jiggarrantixxi li d-durati minimi għall-offerti ta' aġġustament ikunu tliet sigħat jew inqas għal magna li tkun qed taħdem u tmien sigħat għal magna li tkun wieqfa;
 - (8) jiggarrantixxi li ma jkunx hemm limiti ta' perjodu massimu biex jitnedew l-offerti ta' aġġustament; u
 - (9) ikun mgħammar b'arloġġ tad-dawl li jinqara mill-bogħod kif ukoll apparat li jkejjel mill-bogħod il-kwantitajiet karatteristiċi tal-produzzjoni elettrika tiegħu.
- (11) Is-sejħa għal offeriti nnotifikata tippredvi li l-produttur ikun liberu li jqiegħed il-produzzjoni kollha tiegħu fis-suq jew li jbigħ parti lix-xerrej obligat, Electricité de France S.A. ("EDF"), fil-kuntest ta' kuntratt ta' xiri b'tariffa ugwali għall-95 % tal-prezz fis-siegħa osservat fuq is-suq EPEX SPOT.
- (12) Barra minn hekk, il-produttur jitħallas primjum fiss annwali PT, ikkalkolat fi proporzjon tal-prodott tal-potenza attiva garantita ⁽⁶⁾ (Pgar) u tal-primjum P espress f'EUR/MW/sena.

⁽⁴⁾ Id-Digriet Nru 2002-1434 tal-4 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura tas-sejħa għal offeriti għall-istallazzjoni tal-produzzjoni tal-elettriku jiddeskrivi l-passi kollha tal-proċedura tas-sejħa għal offeriti. Hija proċedura applikata fil-qafas tas-sejħa għal offeriti nnotifikata.

⁽⁵⁾ Il-valur kalorifiku nett ifisser karatteristika tal-fjuwil. Huwa l-ammont ta' sħana rilaxxata b'riżultat tal-kombustjoni sħiħa ta' unità tal-fjuwil, mingħajr irkupru ta' sħana mill-kondensazzjoni tal-fwar tal-ilma.

⁽⁶⁾ Medja tal-potenza istantanja tal-impjant.

- (13) Il-ħlas tal-primjum fiss jiddependi fuq il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet kollha biex isiru x-xogħlijiet u l-kuntratti mal-operaturi tal-grilja, kif ukoll il-ġestjoni tal-potenza garantita, ivverifikata permezz ta' fattur ta' disponibbiltà.
- (14) Is-sejħa għal offerti tippredvi wkoll l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet f'każ li l-bini tal-impjant ma jitlestix fil-ħin.
- (15) Il-klassifikazzjoni tal-offerti tal-kandidati tiddependi fuq it-tliet kriterji li ġejjin li huma spjegati fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offerti:
- (1) l-ammont tal-primjum (f'EUR/MW/sena) mitlub mill-kandidat, b'ponderazzjoni ta' 45 %;
 - (2) id-data ta' meta jibda jopera l-impjant, b'ponderazzjoni ta' 25 %, u tingħata preferenza lill-proġett li d-data li fiha jibda jopera tkun l-aktar viċina; u
 - (3) il-kriterju "għażla tas-sit u l-ambjent", b'ponderazzjoni ta' 30 %.

2.2. Għan tal-għajnuna

- (16) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-għan ewlieni tal-miżura huwa li tiġi żgurata l-provvista tal-elettriku fil-Bretanja. Anke jekk il-bżonn tal-elettriku fil-Bretanja huwa essenzjalment bżonn ta' potenza (MW), hemm ukoll bżonn ta' enerġija (MWh⁽⁷⁾). Għaldaqstant jeħtieġ li jinbena impjant li jaħdem fil-Bretanja għal diversi eluf ta' sigħat fis-sena, u mhux biss waqt l-aktar sigħat intensivi bħal turbin tal-kombustjoni ("TAC"). L-impjant tat-tip CCG, li jaħdem fuq il-prinċipju ta' magna reattur, jippermetti li jinħoloq l-elettriku fi ftit minuti biss. Għaldaqstant, din it-teknoloġija hija xierqa b'mod partikulari biex jiġi żgurat il-bilanċ bejn il-produzzjoni u l-konsum waqt domanda qawwija matul diversi sigħat. Dan l-impjant il-ġdid jipprovi mhux biss kapaċità disponibbli fil-waqtiet intensivi, iżda anke potenza reattiva fejn tkun l-aktar effettiva biex jinżamm il-livell ta' vultaġġ fil-grilja kollha kif ukoll tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġiji rinnovabbli varjabbli (servizzi tas-sistemi).
- (17) Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet Franċiżi ħassew li jenħtieġ suppliment għall-produzzjoni li jkun ċentralizzat fil-Majjistral tar-reġjun, li jaħdem matul il-perjodi ta' konsum qawwi u mhux biss f'waqtiet intensivi fix-xitwa b'rabta ma' temperatura estrema. Dan il-mezz ta' produzzjoni għandu jikkompleta t-tisħiħ tal-grilja u l-azzjonijiet ta' ġestjoni tal-enerġija.
- (18) Il-miżura għandha wkoll l-għan li timminimizza l-ispejjeż tagħha għall-komunità u l-impatt ambjentali tagħha. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni tal-kandidati tqis il-primjum mitlub, l-adeqwatezza tal-għażla tas-sit fir-rigward tal-ambjent, kif ukoll il-kwalità u l-adeqwatezza tal-miżuri ta' akkumpanjament (l-evitar, it-tnaqqis jew il-kumpens tal-effetti negattivi fuq l-ambjent) tal-proġett u l-azzjonijiet maħsuba għall-monitoraġġ ambjentali.
- (19) L-impjant użat mill-Compagnie Electrique de Bretagne (minn issa 'l quddiem "CEB"), beneficijarja tal-miżura, se tiżgura servizzi ta' bilanċjar permezz ta' tliet azzjonijiet possibbli. L-ewwel jiġu attivati r-riżerva primarja u sekondarja (servizz ta' sistema b'attivazzjoni awtomatika) u terzjarja (aġġustament b'attivazzjoni manwali). It-tieni rigward is-servizzi tas-sistema u t-tħaddim tal-impjant, CEB se jkollha l-obbligu li tkun teknikament f'pożizzjoni li tfornihom. It-tielet rigward il-mekkaniżmu ta' aġġustament (ir-riżerva terzjarja), CEB se jkollha l-obbligu li tagħmel il-potenza tagħha disponibbli għal RTE (Réseau de Transport d'Electricité, kumpanija ta' manutenzjoni u ta' żvilupp tal-grilja pubblika Franċiża tat-trasport ta' elettriku b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, "RTE"). Din id-disponibbiltà 'l barra mill-kuntratti ta' riżerva mhux se jagħtu lok għal rimunerazzjoni ħlief f'każ ta' sejħa għall-mekkaniżmu ta' aġġustament. Huwa mistenni li l-magna taħdem għal perjodu ekwivalenti ta' madwar 3 000 siegħa fis-sena b'taġhbija sħiħa li jibdea fid-data li fiha jibda jopera l-impjant. Għandha titqies il-potenza tal-impjant (422 MW), u dan il-perjodu ta' tħaddim iwassal għal produzzjoni tal-elettriku annwali ta' madwar 1 250 GWh.

2.3. Ammont tal-għajnuna

- (20) L-ammont tal-primjum li jitħallas skont is-sejħa għal offerti jkun sa massimu ta' 94 000 EUR/MW/sena f'termini ta' valur fil-31 ta' Novembru 2011. Il-primjum jitħallas għal perjodu ta' 20 sena u jiġi indiċjat matul it-tul tal-proġett biex titqies l-evoluzzjoni tal-ispejjeż tat-tħaddim u tal-ġestjoni. L-ammont tal-primjum li jitħallas skont is-sejħa għal offerti jkun sa massimu ta' EUR 40 miljun fis-sena.

⁽⁷⁾ Il-Watt (MW jikkorrispondi għal miljun watt) hija l-unità biex titkejjel il-potenza elettrika. MWh tiffissa l-produzzjoni ta' MW għal perjodu ta' siegħa.

- (21) Il-primjum huwa indikat għal 20 % fuq il-prezzijiet tal-produzzjoni, 20 % fuq l-ispejjeż tax-xogħol, 50 % fuq il-livell tat-tariffa tat-trasport fuq il-grilja ġenerali, 5 % fuq il-kost tal-konnessjoni elettrika u 5 % fuq il-kost tal-konnessjoni gass.
- (22) L-awtoritajiet Franċiżi speċifikaw li l-ammont propost mir-rebbieħ huwa r-riżultat (i) ta' terminu ta' valur tal-kapaċità li huwa ugwali għal [50 000-60 000] (*) EUR/MW/sena, u ta' tliet termini marbuta mal-lokalizzazzjoni ġeografika tal-proġett, jiġifieri: (ii) l-ispiża inkrementali marbuta mal-gass li titla' għal [20 000-40 000] EUR/MW/sena, (iii) l-ispiża inkrementali marbuta mal-konnessjoni li titla' għal 6 000 EUR/MW/sena u (iv) l-ispiża inkrementali marbuta mal-miżuri ambjentali partikulari ta' 2 000 EUR/MW/sena.
- (23) It-terminu ta' valur tal-kapaċità jikkorrispondi għall-ammont kopert mit-titolu tal-ispiża inkrementali marbuta mad-data prevista li fiha jibda jopera l-impjant. Il-kandidati kkalkulaw din l-ispiża inkrementali bħala d-differenza bejn id-dħul ġenerat mill-bejgħ tal-enerġija fis-suq u l-ispejjeż marbuta mat-tqegħid fis-servizz rapidu tal-impjant. Is-CRE tosserva li: *"il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u l-istat tad-domanda tal-elettriku u t-tħaddim tal-impjant tat-tip CCG ma jrendux ekonomikament. U probabbilment mhumiex se jrendu għal diversi snin. Għaldaqstant hemm nuqqas ta' dħul għall-kandidat, liema nuqqas se jkun għadu jgħodd fid-data mistennija li fiha jibda jopera l-impjant, u meqjus kopert b'dan il-komponent tal-primjum"* [traduzzjoni mhux uffiċjali].
- (24) Jenħtieġ pipeline tal-gass ġdid ta' 111-il km għall-provvista tal-impjant. Il-kost stmat ta' dan il-proġett huwa ta' madwar EUR 100 miljun, li huma ffinanzjati minn qabel minn GRTgaz (kumpanija Franċiża maħluqa fl-2005 li tiżgura l-ġestjoni tan-netwerk tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass fi Franza). CEB tikkontribwixxi għall-qligħ tiegħu bis-saħħa ta' pagament ta' tariffa għat-twassil tal-gass.
- (25) Il-Liġi Nru 2010-1488 tas-7 ta' Diċembru 2010 rigward organizzazzjoni ġdida tas-suq tal-elettriku ("NOME") introduċiet mekkaniżmu ta' kapaċità bil-għan li tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku ta' Franza. (*) L-impjant magħżul permezz ta' proċedura ta' sejħiet għal offerti fil-Bretanja jrid jipparteċipa fil-mekkaniżmu tal-kapaċità nazzjonali. Ir-rimunerazzjoni li tinġabar mill-impjant b'dan il-mekkaniżmu titnaqqas, fejn xieraq, mill-primjum effettivament imħallas skont is-sejħa għal offerti.

2.4. Durata

- (26) Il-primjum jingħata għal għoxrin sena mid-data li fiha jibda jopera l-impjant.

2.5. Riċevitur(i)

- (27) Il-Ministru responsabbli għall-enerġija, skont l-opinjoni tas-CRE, għażel il-proġett li jinsab fil-kontea ta' Landivisiau u propost mill-Compagnie Electricque de Bretagne ("CEB"), konsorzju bejn Direct Energie u Siemens.
- (28) Ir-rebbieħ huwa produttur li ma tantx huwa sinifikanti fis-suq tal-produzzjoni Franċiża u ma għandux faċilitajiet ta' produzzjoni konvenzjonali oħrajn fil-Bretanja.
- (29) Il-potenza garantita tal-impjant propost mis-CEB hija ta' 422 MW. Ir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti impenja ruħu li jpoġġi fis-servizz industrijali l-impjant tal-produzzjoni tal-elettriku tiegħu sa mhux aktar tard minn [...]. Fl-ittra tagħhom tal-5 ta' Ottubru 2016, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw id-dewmien li affettwa l-proġett. Id-data riveduta li fiha jibda jopera l-impjant hija prevista għal [...].
- (30) Skont l-informazzjoni ppreżentata mir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti lis-CRE, dan tal-aħħar ma għandu l-ebda għajnuna oħra ma' dik mogħtija skont it-titolu tas-sejħa għal offerti u hekk għadu sal-lum. Barra minn hekk, ir-rimunerazzjoni li eventwalment tinġabar mill-impjant fis-suq ta' kapaċità futur titnaqqas mill-primjum imħallas skont is-sejħa għal offerti.

2.6. Il-pan ta' direzzjoni tan-negozju ppreżentat mis-CEB

- (31) B'appoġġ għall-offerta ppreżentata lill-awtoritajiet Franċiżi, CEB ikkomunikat pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Dan il-pan ta' direzzjoni tan-negozju juri rata ta' redditu interna (internal rate of return, "IRR") wara t-taxxa ta' [5-10] %. Dan ir-redditu huwa msejjes fuq dawn is-suppożizzjonijiet ewlenin: volum ta' sigħat ta' użu ta' madwar [3 000-6 500] siegħa fis-sena; investiment inizjali ta' EUR [400-500] miljun. Id-dħul jiddependi fuq primjum ta' [...] EUR/MW/sena minn naħa waħda u fuq rimunerazzjoni netta li tirriżulta minn kuntratt ta' tolling li jirrappreżenta rimunerazzjoni medja ta' EUR [...] fis-sena min-naħa l-oħra.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

(8) Il-Kummissjoni Ewropea awtorizzat il-proġett Franċiż tal-mekkaniżmu ta' kapaċità fit-8 ta' Novembru 2016 bin-numru SA.39621.

- (32) Dan il-ftehim tat-tolling huwa kuntratt ta' dritt privat konkluż bejn CEB u toller, (kontroparti tal-kuntratt, pereżempju EDF) li jipprevjeni l-bejgħ ta' dan tal-aħħar ta' kwantità fissa ta' elettriku. Id-dħul minn dan il-ftehim ta' tolling għe determinat b'tali mod li l-kundizzjonijiet li s-CEB seta' jistenna fil-mument tas-sejħa għal offerti ġew riflissi fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju. L-ammont tal-miżata tat-tolling għe evalwat abbażi ta' mudell ta' previżjoni stokastika. Is-suppożizzjonijiet li jikkonċernaw dan il-kuntratt jiddependu fuq bejgħ tal-enerġija ipprovduta mill-impjant fis-suq tat-toller għal ammont inizjali ta' EUR [...] miljun fis-sena bejn Marzu 2017 u Ottubru 2036. Ir-rimunerazzjoni tas-CEB skont il-kuntratt tat-tolling huwa s-suġġett ta' studju ta' sensitività. Intuża indiċi ta' għotja ta' somma f'daqqa biex jiġi emendat il-primjum tal-kapaċità.
- (33) Ir-rimunerazzjoni skont il-kuntratt tat-tolling tirrifletti l-kost tal-konverżjoni tal-gass felettriku u tal-użu tal-impjanti. Tinkludi komponent varjabbli bil-għan li jkopri l-ispejjeż tal-injezzjoni tal-operazzjoni u tal-ġestjoni. Barra minn hekk, tinkludi komponent fiss bil-għan li jkopri l-ispejjeż fissi ta' tħaddim u l-ispejjeż ta' finanzjament u ta' amortizzament. Il-miżata tat-tolling hija maqsuma wkoll f'komponent mhux indicijat u komponent indicijat. Il-komponent indicijat għandu l-għan li jkopri l-ispejjeż fissi tal-funzjonament. Il-komponent mhux indicijat għandu l-għan li jkopri l-ispejjeż tal-infrastruttura bħall-ispejjeż tal-finanzjament tal-proġett u anke l-amortizzamenti tal-investimenti realizzati. Il-bejgħ tal-gass mhuwiex immudellat b'kunsiderazzjoni għall-eżistenza tal-kuntratt tat-tolling. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jqis direttament marġni operattiva medja antiċipata fuq il-perjodu tal-ħajja tal-proġett.
- (34) Barra minn hekk, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ppreveda l-aġġornament ta' diversi suppożizzjonijiet matul il-perjodu tal-proġett: indiċi tal-kost lavorattiv, indiċi tal-prezzijiet tal-produzzjoni, il-kost finali tal-konnessjoni tal-grilja. Dan l-aġġornament huwa ġġustifikat permezz tal-perjodu tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jinfirx fuq perjodu ta' [15-20] sena. Primjum tal-kapaċità, aġġornat ukoll, huwa attribwit għall-operator sabiex jippermettilu li jagħmel qligħ mill-investment tiegħu. Dan il-primjum jiddependi fuq id-disponibbiltà effettiva tal-impjant. Il-primjum fiss jiddependi fuq il-koeffiċjent tad-disponibbiltà tal-impjant. Parteċipazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kapaċità lil hinn mill-bilanċ mill-ġdid mhijiex prevista fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Kieku sseħħ din il-parteċipazzjoni, ir-rimunerazzjoni minn din il-parteċipazzjoni titnaqqas mill-ammont tal-primjum.
- (35) Il-kost fiss tat-twassil tal-gass huwa stmat għal EUR [10-20] miljun fis-sena.
- (36) Il-kost operatorju varjabbli u l-ġestjoni huwa l-prodott ta' kost operatorju varjabbli u numru ta' sigħat operatorji ekwivalenti. Il-kostijiet operatorji u ta' ġestjoni jitħallsu mit-toller lis-CEB.
- (37) Twettaq ukoll studju ta' sensitività fuq suppożizzjonijiet oħrajn bħall-inflazzjoni jew l-ispejjeż tal-paga.
- (38) Il-konnessjoni mal-grilja, għalkemm imewwtqa minn RTE u GRTgaz, se tkun iffinanzjata mis-CEB. Dawn l-ispejjeż ta' konnessjoni huma smati rispettivament għal EUR [30-40] miljun u EUR [20-30] miljun.
- (39) Skont is-suppożizzjonijiet meqjusin, fl-aħħar tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, l-ispejjeż ta' bejgħ mill-ġdid ta' tagħmir fuq il-post se jiġu kkompensati permezz tal-ispejjeż ta' dekużmissjonar, b'hekk il-valur finali tal-impjant ikun zero.
- (40) Hija meqjusa fattura maħruġa tal-attivitajiet ta' aġġustament. Is-suppożizzjonijiet ta' valwazzjoni ġew deskritti mill-awtoritajiet Franċiżi. ⁽⁹⁾ Dan l-introjtu jikkonstitwixxi inqas minn 1,5 % tad-dħul totali mistenni.
- (41) Fl-ittra tagħha tal-5 ta' Ottubru 2016, Franza spjegat li l-impjant jista' jtnieda fi [...] bi tqegħid fis-servizz industrijali fi [...].

3. DESKRIZZJONI TAR-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

3.1. Analiżi tal-eżistenza tal-ghajnuma

- (42) Il-Kummissjoni qieset li l-kriterju tal-imputabbiltà ddikjarat fl-Artikolu 107 ta-TFUE għe ssodisfat. F'dan il-każ, il-miżura hija attribwibbli għall-Istat minn naħa waħda sa fejn l-avviż tas-sejħa għal offerti għet ippubblikata mill-Ministru responsabbli għall-enerġija, li għażel il-proġett ukoll. Min-naħa l-oħra r-rimunerazzjoni mħallsa

⁽⁹⁾ Ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-5 ta' Ottubru 2016.

lir-rebbieħ tiġi riflessa fil-prezz bl-imnut permezz tal-kontribuzzjoni lis-Servizz Pubbliku tal-Elettriku (CSPE). Madankollu, fid-Deċiżjoni ta' Ghajjnuna mill-Istat SA.36511 (2014/C) tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-CSPE kien jikkonsisti friżorsa tal-Istat, billi din hija "kontribuzzjoni imposta mill-Istat, li tinġabar u hija ġestita minn entità maħtura mill-Istat biex iġġestixxi l-iskema ta' ghajjnuna skont ir-regoli stabbiliti mill-Istat" ⁽¹⁰⁾. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

- (43) Rigward l-eżistenza ta' vantaġġ għall-impriżi, l-awtoritajiet Franċiżi qiesu li dan il-kriterju ma ġiex issodisfat billi s-sejħa għal offerti ssodisfat il-kriterji ddikjarati fil-ġurisprudenza *Altmark* ⁽¹¹⁾.
- (44) Madankollu l-Kummissjoni qieset li l-kriterji ddikjarati fil-ġurisprudenza *Altmark* ma ġewx issodisfati. Sabiex servizz pubbliku ma jiġix klassifikat bħala ghajjnuna mill-Istat, iridu jiġu ssodisfati dawn l-erba' kriterji: (i) l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar, (ii) il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat l-kumpens iridu jkunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, (iii) il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mit-twertiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli, (iv) meta l-impriża li għandha twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku mhijiex magħżula permezz ta' proċedura ta' appalt pubbliku, il-livell tal-kumpens għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli għat-twertiq ta' dawn l-obbligi. Min-naħa l-oħra, jekk il-Kummissjoni qieset li ġie ssodisfat it-tieni kriterju, hija esprimiet dan it-tħassib rigward it-tliet kriterji:

(1) Rigward l-ewwel kriterju (l-eżistenza ta' SIEĠ u mandat definit b'mod ċar), il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-fatt li l-impjant u t-tħaddim tal-impjant ta' Landvisiau setgħux jiġu kkwalifikati bi SIEĠ, l-ewwel nett minħabba n-nuqqas ta' evidenza riċevuta li juri problema ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-Brittanja fil-passat u t-tieni nett minħabba l-impossibbiltà li l-Istati Membri jimponu obbligi speċifiċi tas-servizz pubbliku għal servizzi diġà forniti jew li jistgħu jiġu forniti b'mod soddisfaċenti f'kundizzjonijiet kompatibbli mal-interess ġenerali mill-impriżi li joperaw f'kundizzjonijiet normali tas-suq; dan ifisser li l-impriżi li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet normali tas-suq setgħu jfornu l-kapaċità meħtieġa biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-provvista fil-Bretanja jekk ir-regolamenti Franċiżi ma setgħux iwaqqfu l-prezzijiet tal-elettriku milli jibagħtu sinjali tajba biex jinċentivizzaw l-investimenti f'kapaċitajiet fir-reġjun. It-tielet nett, barra minn hekk, il-miżura tiddiskrimina kontra teknoloġiji oħrajn billi din tirrigwarda biss it-teknoloġija CCG. Għaldaqstant, il-miżura mhijiex newtrali fil-konfront tat-teknoloġija. ⁽¹²⁾ Ir-raba' nett, il-miżura mhijiex proporzjonali billi l-awtoritajiet Franċiżi ma kkonfermawx il-ħtieġa ta' mezz tal-produzzjoni ta' 450 MW permezz ta' analiżi dettaljata bil-ħtiġijiet tal-kapaċitajiet supplementari tar-reġjun. ⁽¹³⁾ Fl-aħħar nett, fit-tul, is-sejħa għal offerti tista' tigrava l-problema dwar is-sigurtà tal-provvista: l-ewwel nett billi jingħalaq is-suq tal-elettriku għall-investimenti ma li bbenefikawx minn ghajjnuna mill-Istat, imbagħad billi ma tissolvix, anzi tigrava l-problema strutturali tal-*missing money* ⁽¹⁴⁾ għall-produttur, u fl-aħħar nett billi jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' żvilupp ta' teknoloġiji oħrajn.

(2) Rigward it-tielet kriterju (kumpens żejjed), il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar in-nuqqas ta' kumpens żejjed meta wieħed iqis minn naħa waħda n-nuqqas tal-mekkaniżmu ta' rkupru fir-rigward tal-kundizzjonijiet futuri, u min-naħa l-oħra l-modalitajiet tas-sejħa għal offerti li ma jservux ta' garanzija kontra r-riskju tal-kumpens żejjed.

(3) Rigward ir-raba' kriterju (għażla tal-fornitur bl-inqas spejjeż), il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar il-fatt li s-sejħa għal offerti ippermittiet l-għażla tal-fornitur kapaċi li jforni s-servizz bl-inqas spejjeż għall-komunità fir-rigward ta' kriterji restrittivi wisq biex jippermettu għażla reali ta' fornitur tas-servizzi: l-għażla ta' teknoloġija CCG biss, li mhijiex neċessarjament l-aktar l-irħs għażla, l-ammont tal-primjum ponderat ta' 45 %, perimetru

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 1315 finali tas-27 ta' Marzu 2014, il-Każ SA.36511 (2014/C) (ex 2013/NN) — Franza Mekkaniżmu ta' sostenn għall-enerġiji rinnovabbli u l-limitu massimu tas-CSPE.

⁽¹¹⁾ CJUE, 24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsident Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH*, il-Kawża C-280/00.

⁽¹²⁾ Kif previst mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

⁽¹³⁾ L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72/KE, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 C-242/10 *Enel Produzione SpA contre Autorita per l'energia elettrica e il gas* (il-punt 42); Is-sentenza tal-20 ta' April 2010 C-265/08 *Federutility e.a.* (il-punt 33).

⁽¹⁴⁾ Is-sitwazzjoni li fiha d-domanda eċċessiva fir-rigward tal-kapaċità disponibbli ma twassalx lis-suq biex jirreaġixxi b'żieda fil-kapaċità.

ġeografiku restrittiv b'mod eċċessiv, kriterji tal-għażla li jikkontribwixxu għal aspetti oħra tal-PEB, bħall-kriterji ambjentali, li mhumiex it-tip li jikkontribwixxu biex tintgħażel l-offerta li tirrappreżenta l-irħas għażla għall-komunità.

- (45) Minħabba d-dubji li esprimiet il-Kummissjoni rigward ir-rispett lejn il-miżura tal-kundizzjonijiet tal-ġurisprudenza *Altmark*, fl-analiżi preliminari tagħha l-Kummissjoni qieset li l-miżura setgħet twassal għal vantaġġ għar-rebbieħ tas-sejħa għal offerti, u dan il-vantaġġ kien selettiv billi ngħata lil impriża waħda, CEB.
- (46) Rigward l-impatt fuq il-kompetizzjoni l-effett fuq il-kummerċ, il-Kummissjoni qieset li l-miżura tista' taffettwa l-kummerċ u l-kompetizzjoni fil-miżura fejn ir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti, li jibbenifika minn miżura vantaġġuża, jikkompeti kontra mezzi oħra ta' produzzjoni tal-elettriku u fornituri oħra ta' kapaċità fis-swieq miftuħa għall-kompetizzjoni (suq għall-bejgħ tal-elettriku, mekkaniżmu ta' aġġustament).

3.2. Analiżi tal-kompatibbiltà

3.2.1. Qafas ġuridiku

- (47) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni qieset li l-miżura trid tinqara fil-konfront tal-Artikolu 107 tat-TFUE fil-każ li t-tħassib tagħha rigward il-konformità mal-kriterji kollha tal-ġurisprudenza *Altmark* ikunu ġew ikkonfermati. Għaldaqstant, il-miżura trid tiġi analizzata fil-konfront tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali tal-2014 ("EEAG")⁽¹⁵⁾, li jħabbru l-kundizzjonijiet li bihom l-enerġija tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107 tat-TFUE.
- (48) B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni nnutat li jekk it-tħassib tagħha li esprimiet rigward id-definizzjoni tal-obbligu tas-servizz pubbliku ma ġiex ikkonfermat, kien ikun japplika eżami tal-kompatibbiltà fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar qafas mill-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011).

3.2.2. Valutazzjoni tal-kompatibbiltà

- (49) Rigward l-għan ta' interess komuni, il-Kummissjoni wriet tħassib dwar il-fatt li l-miżura tikkontribwixxi għall-għan komuni li jikkonsisti fil-garanzija tas-sigurtà tal-forniment tal-elettriku: minn naħa waħda, l-għan tal-miżura ma deherx li kien definit b'mod ċar biżżejjed (nuqqas ġenerali ta' kapaċità, waqtiet intensivi ta' domanda) u min-naħa l-oħra l-miżura setgħet ma tikkoreġix il-funzjonament ħażin tar-regolamenti u tas-suq fuq perjodu ta' żmien medju, u dan attwalment ifixkel livell ta' investiment suffiċjenti fil-Bretanja.
- (50) Il-ħtieġa tal-miżura ma deherix biżżejjed minħabba nuqqas ta' kwantifikazzjoni soddisfaċenti tan-nuqqas ta' kapaċità tal-waqtiet intensivi staġunali jew waqt il-perjodi l-aktar intensivi. Barra minn hekk, il-ħtieġa tal-miżura setgħet tiġi mhedda bil-possibbiltà li jiddaħħal prezz lokali xieraq li jibgħat sinjali tal-prezzijiet sabiex jistimula l-investimenti, mingħajr ma jsir rikors għall-għajjnuna.
- (51) Il-Kummissjoni ma kenitx konvinta li l-miżura kienet xierqa. Minn naħa waħda ma jidherx li l-awtoritajiet Franċiżi qiesu biżżejjed il-miżuri alternattivi (taqsim taż-żona tariffarja, arloġġi intelliġenti, tisħiħ tal-grilja tat-twassil tal-elettriku). Min-naħa l-oħra kien hemm ukoll tħassib rigward in-natura restrittiva tal-miżura, immirata lejn it-tip ta' fornituri ta' kapaċità li setgħu jipparteċipaw għas-sejħa għal offerti (sejħa għal offerti limitata għal tip wieħed ta' teknoloġija — turbini ta' gass b'ċiklu kkumbinat). Fl-aħħar nett il-miżura ma twassalx biex titnaqqas id-domanda.
- (52) Rigward il-proporzjonalità, il-Kummissjoni wkoll uriet tħassib: in-natura restrittiva tas-sejħa għal offerti setgħet twaqqaf lill-kompetituri milli jipparteċipaw, u dan kien iwassal biex jitbaxxa l-ammont tal-għajjnuna. Barra minn hekk, il-miżura ma kienet tipprevedi l-ebda mekkaniżmu ta' rkupru f'każ ta' profitti mhux mistennija.
- (53) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni wriet tħassib dwar il-kapaċità tal-miżura biex tipprevjeni l-effetti negattivi mhux mixtieqa fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-ewwel nett, il-miżura ma kenitx newtrali minn lat teknoloġiku. Fil-fatt eskudiet miżuri li wkoll setgħu jsoġu l-problemi tal-adegwatezza tal-kapaċità: it-tħassir, l-interkonnessjonijiet, is-soluzzjonijiet ta' ħżin, kif ukoll teknoloġiji oħra (turbini tal-kombustjoni). It-tieni nett,

⁽¹⁵⁾ Il-Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

meta wieħed iqis il-possibbiltà li nġhatat lil Direct Energie li tbigħ l-enerġija prodotta lil EDF bi skont ta' 5 % minflok ma tikkummerċjalizzah hi stess, il-Kummissjoni wriet tħassib dwar ir-riskju li tissaħħa il-pożizzjoni ta' EDF fis-suq tal-forniment tal-enerġija.

4. KUMMENTI TAL-PARTIJET INTERESSATI

- (54) Il-Kummissjoni rċeviet 58 tweġiba mingħand il-partijiet interessati minbarra l-Istat Franċiż matul il-perjodu ta' konsultazzjoni dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ. Dawn it-tweġibiet differenti nġabru skont is-suġġett tagħhom hawn taħt. Dawn se jiġu indirizzati matul l-evalwazzjoni tal-miżura.

4.1. Analiżi tal-kompatibbiltà

4.1.1. *Interess komuni*

- (55) Disgħa u tletin parti interessata jqisu li l-awtoritajiet Franċiżi stmaw ir-riskju ta' qtugħ tad-dawl iżżejjed. Fil-fatt, lanqas waqt it-temp kiesaħ eċċezzjonali tal-2012 ma seħħ dan il-qtugħ tad-dawl. Il-qtugħ li seta' seħħ fit-territorju Bretonu kien ikkawżat minn elementi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-funzjonament tal-grilja (bħall-waqgħa ta' siġar). Fl-aħħar ħsara serja magħrufa fi Franza, li seħħet fl-1978, inqata' d-dawl fi tliet kwarti tal-pajjiż għal diversi sigħat, imma din is-sitwazzjoni qatt ma reġgħet irrepriet ruħha, u RTE ħadet il-miżuri meħtieġa biex ma jerġa' jirrepeti ruħu l-ebda inċident ta' dan it-tip.
- (56) Min-naħa l-oħra, kummenti oħra mill-partijiet interessati enfasizzaw il-kompatibbiltà tal-miżura mal-għan ta' interess komuni. Madwar għoxrin minnhom qiesu li s-sigurtà tal-forniment fil-Bretanja mhijiex effettiva. Is-sitwazzjoni ġeografika partikulari tal-Bretanja, li tinsab fit-tarf tal-linja, flimkien ma' produzzjoni tal-elettriku lokali dgħajfa, ma jkoprox iktar minn 13,3 % tal-konsum ⁽¹⁶⁾. Il-faċilità ta' produzzjoni tagħha hija kkaratterizzata wkoll min-nuqqas ta' impjanti bażi li kapaċi jkopru d-domanda b'mod awtonomu, u dan jiġġustifika l-ħolqien tal-impjant tat-tip CCG. Fil-fatt, għalkemm kien hemm żieda fil-produzzjoni tal-enerġija fir-reġjun mir-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli, in-natura diskontinwa tagħhom kienet teħtieġ il-ħolqien ta' impjant ta' produzzjoni bażi sabiex itaffi l-inkapaċità eventwali tagħhom li jissodisfaw il-waqtiet l-aktar intensivi tad-domanda.

4.1.2. *Ħtieġa għall-miżura*

4.1.2.1. *Tisħiħ tal-grilja*

- (57) Ċerti partijiet iġġustifikaw in-nuqqas tal-ħtieġa tal-miżura permezz ta' disinn ħażin tal-grilja fir-reġjun. Hemm konġestjonijiet qawwija fil-linji ta' 225 kV fit-Tramuntana tal-Bretanja. Għaldaqstant, diversi partijiet iqisu li l-bini futur ta' linja tal-elettriku taħt l-art ta' 225 kV li tgħaqqad is-substazzjonijiet ta' Calan (Morbihan), Mûr-de-Bretagne u Plaine-Haute (Côtes d'Armor) tassigura l-provvista tal-elettriku fil-Bretanja billi timporta 700 MW addizzjonali fil-Bretanja, u billi tiffaċilita t-twassil tajjeb tal-elettriku mill-istallazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli tar-reġjun (fuq l-art u fil-baħar). Il-funzjonament tagħha, li hija mistennija għal Novembru tal-2017, jikkompleta l-grilja elettrika tar-reġjun u jiżgura b'mod durabbli l-provvista tat-Tramuntana u taç-Ċentru tal-Bretanja.
- (58) Jiddikjaraw li reġjunijiet oħra Franċiżi wkoll jimpurtaw l-elettriku b'mod sinifikanti: l-Île-de-France, il-Bourgogne-Franche-Comté u, fuq skala iżgħar, il-Pays de la Loire u r-reġjun Provence-Alpes-Côte d'Azur ("PACA"). F'dawn ir-reġjuni, l-investimenti għat-tisħiħ tal-grilja ngħataw preferenza fil-konfront tal-ħolqien ta' impjant tal-produzzjoni ġdid. Pereżempju, ir-reġjun PACA għażel li jkollu xibka ta' sikurezza magħmula minn tliet linji elettriċi taħt l-art ta' 225 kV, u llum juża servizz tal-elettriku ta' prestazzjoni tajba u affidabbli daqs tal-bqija ta' Franza ⁽¹⁷⁾.
- (59) Għaldaqstant, diversi partijiet ininteressati jipproponu soluzzjoni ta' "grilja": huma jqisu li rduppjar tal-linja ta' 400 kV Plaine Haute-Domloup jew tisħiħ tal-linja ta' 225 kV iżidu l-kapaċità tat-twassil u għaldaqstant jimportaw l-elettriku f'livell suffiċjenti biex tkun garantita s-sigurtà tal-forniment. Rigward din l-aħħar opzjoni, ENGIE tinnota li dan l-irduppjar tal-linja ta' 400 kV tforni kapaċità tat-twassil supplementari li tkun superjuri ħafna għall-bżonnijiet meħtieġa, anke fuq perjodu twil ta' żmien, u dan ma jgħinx il-ġustifikazzjoni tal-investment. Għaldaqstant, it-tisħiħ tal-linja ta' 225 kV tkun aktar adattata għall-bżonnijiet reali, iżda xorta waħda jkun jenħtieġ tisħiħ f'parti sinifikanti al-grilja.

⁽¹⁶⁾ RTE, Bilan Electrique de la Bretagne 2014.

⁽¹⁷⁾ Ara: <http://www.rte-france.com/fr/projet/filet-de-securite-paca-pour-une-securisation-electrique-durable-de-la-region>.

4.1.2.2. Tibdil fid-domanda

- (60) Diversi partijiet iqisu li t-tibdil fid-domanda jagħmel il-miżura mhux neċessarja biex jintlaħaq l-għan tas-sigurtà tal-forniment:
- (1) Huma jibbażaw ruħhom l-ewwel fuq ir-rapport tal-RTE tal-2014 li skontu s-sensittività tat-temperatura għandha t-tendenza li tonqos. Għaldaqstant, fl-2014 fil-Bretanja, il-konsum żdied b'150 MW meta t-temperatura naqset bi grad. Qabel, din iż-żieda kienet ta' madwar 200 MW għal kull grad inqas.
 - (2) Sittax-il parti interessata jibassru tnaqqis fid-domanda, liema tnaqqis huwa appoġġjat bit-tneidja tal-arloġġi intelliġenti u bit-tqegħid fis-seħħ tal-inizjattiva Ecowatt. Din l-inizjattiva tinforma liċ-ċittadini, b'mod volontarju, meta l-grilja tkun qed tbat, u b'hekk inaqqsu l-konsum tal-elettriku tagħhom.
 - (3) Il-partijiet interessati jqisu li t-titjib tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini, li għandu jwassal għal tibdil fid-domanda lejn ġestjoni msaħħa tad-domanda, juri li l-miżura mhijiex meħtieġa.
- (61) Min-naħa l-oħra, ċerti partijiet interessati li huma favur il-proġett jistrieħu fuq it-tbassir ta' żieda demografika fil-Bretanja, flimkien ma' sensittività tat-temperatura qawwija, biex jiġġustifikaw il-ħtieġa tal-miżura bħala reazzjoni għaż-żieda mistennija fid-domanda.

4.1.2.3. Tibdil fil-produzzjoni

- (62) Ċerti partijiet interessati jqisu li t-tibdil fil-produzzjoni jagħmel il-miżura mhux meħtieġa:
- (1) Dawk li jopponu l-proġett l-ewwel iqisu l-fatt li diġà saru investimenti biex jiżdied it-tul tal-ħajja tas-siti ta' Brennilis u Dirinon, li f'issaw id-data tal-għeluq tagħhom mhux aktar għall-2017 iżda għall-2023. Għaldaqstant, ħames partijiet interessati jqisu li l-livell tal-produzzjoni tat-TAC eżistenti jtaffi l-waqtiet intensivi tal-konsum u jevita r-riskju ta' qtugħ tad-dawl. Barra minn hekk, għaxar partijiet interessati ddikjaraw li dawn is-siti mhumiex użati biżżejjed b'mod regolari, u dan jagħmel l-ghajjnuna ta' faċilità ġdida ta' produzzjoni mhux meħtieġa. Pereżempju, l-assoċjazzjoni Consommation, Logement et Cadre de Vie tiddikjara li t-TAC ta' Brennilis u Dirinon ma jaħdmux ħliet minn f'it għexieren ta' sigħat (madwar 70 siegħa fl-2012) sa f'it mijiet ta' sigħat (madwar 265 siegħa fl-2010).
 - (2) It-tieni nett, ENGIE tqis li t-turbina tal-gass ta' SPEM Pointe, li għandha kuntratt permezz ta' sejħa għal offerti li sservi ta' riżerva rapida u addizzjonali għal RTE bil-prezz ta' EUR 25 000/MW/sena, toffri għadd ta' vantaġġi fil-konfront ta' installazzjoni ġdida, bħall-prezz tal-akkwist baxx tat-turbina tal-gass u l-ispejjeż ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku li huma diġà amortizzati. Għaldaqstant, l-impriża tiddikjara li l-primjum ta' EUR 94 000/MW/sena, iffissat minn RTE fil-qafas ta' dawn is-sejħiet għal offerti huma ta' livell aktar baxx mill-primjum annwali ta' EUR 40 000 000 mitlub għall-proġett ta' CCG.
 - (3) Fl-aħħar nett, il-partijiet interessati jsemmu l-possibbiltà li r-reġjun "jimporta" l-elettriku. Il-persuni li jopponu l-proġett iqisu li fil-fatt ir-reġjun jista' jikseb l-elettriku li jeħtieġ mir-reġjuni tal-viċinat, partikolarment mill-impjant tal-produzzjoni TAC ta' Cordemais.
- (63) Ghoxrin parti qiesu li, min-naħa l-oħra, it-tibdil fil-produzzjoni jiġġustifika t-tqegħid fis-seħħ tal-miżura. Fil-fatt, ħames partijiet interessati favur il-proġett semmew li l-uniċi impjanti ta' produzzjoni li huma attwalment preżenti fil-Bretanja huma t-TAC ta' Brennilis u Dirinon. Huma jqisu l-miżura meħtieġa aktar minn qatt qabel speċjalment billi t-TAC wasal fit-tmiem il-ħajja tagħhom billi jibqgħu jaħdmu sa mhux aktar mill-2023. Għaldaqstant, minħabba l-għeluq mistenni tagħhom jenħtieġ li jkun hemm ħsieb għal alternattiva minn qabel biżżejjed. Fil-fatt, tliet partijiet favur il-bini tal-impjant tat-tip CCG ifakkru li dawn it-turbini tal-fjuwil iridu jjeqfu mhux aktar tard mill-2023 minħabba raġunijiet ambjentali u li għaldaqstant din ma hija xejn ħliet soluzzjoni qasira u mhux soddisfaċenti biex jiġi żgurat l-għan tas-sigurtà tal-forniment tar-reġjun.

4.1.3. Adegwatezza tal-miżura

- (64) Diversi partijiet interessati kkontestaw l-adekwatezza tal-miżura:
- (1) Kif ġie deskritt fil-premessa 61, dawk li jopponu l-proġett iqisu li l-proġett huwa importanti wisq meta wieħed iqs il-ħtiġijiet reali tal-konsum fil-Bretanja. L-ogħla punt tal-konsum huwa stmat għal 200 MW fuq perjodu ta' 200 sa 400 siegħa fis-sena f'Finistere. Għaldaqstant, il-proġett propost mill-Istat u mill-Kunsill reġjonali — 450 MW għal aktar minn 3 000 siegħa fis-sena — ikun kbir wisq.

- (2) Barra minn hekk, skont l-analiżi tal-RTE ⁽¹⁸⁾ użata minn ċerti partijiet li jopponu l-proġett, it-tnaqqis fir-rata ta' żieda fid-domanda għall-enerġija huwa ġġustifikat minn raġunijiet strutturali (tnaqqis fiż-żieda tal-popolazzjoni, l-impatt tal-kriżi ekonomika u miżuri ta' effikaċja fl-enerġija). Skonthom, il-PEB irid jinbidel biex iqis dawn l-elementi. Ir-rata tal-waqtiet l-aktar intensivi tad-domanda hija pjuttost stabbli mill-2009 'l hawn, anzi naqset fl-2014. Barra minn hekk, is-sensittività tat-temperatura għandha t-tendenza li tonqos (kif ġie spjegat fit-Taqsima 4.1.2.2), u dan għandu jnaqqas il-waqtiet l-aktar intensivi tal-konsum b'mod awtomatiku. Dan l-argument diġà sar fil-premessa 60(1).
- (3) Fl-aħħar nett, huma ddikjaraw li proġetti oħra jkunu aktar kapaċi li jirrispondu għall-proġetti ta' sigurtà tal-forniment tal-Bretanja fuq perjodu twil ta' żmien, bħall-proġett tal-interkonnnessjoni mal-Irlanda jew il-bini ta' stazzjon li jaħżen u jippompja l-enerġija (station de turbinage et de pompage, "STEP"). L-ewwel proġett iforni r-reġjun b'elettriku fuq perjodu twil ta' żmien u jikkorrispondi għall-għanijiet tas-suq intern tal-enerġija. Il-proġett STEP ta' Guerdélan ukoll huwa meqjus minn żewġ partijiet bħala kapaċi li jsolvi l-problema ta' nuqqas ta' enerġija f'każ ta' waqtiet intensivi ta' konsum.

(65) Il-partijiet favur il-proġett għandhom dan l-argument:

- (1) Diversi partijiet interessati l-ewwel jinsistu fuq l-interess tal-għażla ta' faċilità ta' produzzjoni tat-tip CCG. Skonthom, din għandha prestazzjoni aħjar u produzzjoni aktar stabbli mis-siti li jaħdmu b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Għal diversi kontributori, din hija l-aħjar kompromess f'termini ta' effikaċità u impatt fuq l-ambjent.
- (2) Anke jekk ċerti partijiet interessati jfakkru fl-interess tal-iżvilupp tal-koġenerazzjoni, il-potenzjal ta' dawn is-siti għadu limitat (madwar 150 MW) u jenħtieġ li jinbnew diversi impjanti ta' produzzjoni, kif ukoll iridu jsiru proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja. Min-naħa l-oħra, il-ħolqien ta' faċilità ta' produzzjoni ġdida tat-tip CCG inaqas b'mod konsiderevoli l-ħtieġa ta' xogħlijiet biex tissaħħaħ il-grilja (ir-raġunijiet jinsabu spjegati wkoll fil-premessa 78).
- (3) Barra minn hekk, il-preżenza ta' diversi terminali tal-LNG fi Franza, u speċjalment il-ħolqien tas-sit ġdid f'Dunkirk, imħeġġa bil-possibiltà li l-investituri jiksbu eżenzjoni għall-aċċess ta' partijiet terzi għall-grilja, tassigura s-sigurtà tal-forniment bil-gass, li huwa meħtieġ biex l-impjant jaħdem tajjeb. Għaldaqstant l-investimenti li għaddejjin bħalissa u dawk futuri jkunu adegwati.

4.1.4. Effett ta' incientiv

- (66) Skont it-Taqsima 3.2.4 tal-EEAG, il-miżura għandha effett ta' incientiv jekk tħeġġeġ lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu biex itejjeb il-funzjonament tas-suq tal-enerġija. Dan it-tibdil ma jsirx mingħajr l-għajnuna.
- (67) ENGIE tqis li l-effett ta' incientiv tal-miżura huwa wieħed negattiv. Il-primjum joħloq sinjal ekonomiku negattiv fis-suq tal-elettriku fi Franza billi jħeġġeġ lill-impjant jipproduċi aktar mill-ħtiġijiet reali tas-suq u għaldaqstant jeskludi operaturi oħrajn mis-suq.

4.1.5. Proporzjonalità

(68) In-nuqqas ta' proporzjonalità huwa enfasizzat minn diversi partijiet interessati:

- (1) Dawn l-ewwel joġġezzjonaw għal-livell tal-għajnuna, li huma jqisu bħala sproporzjonat u li aktarx iwassal għal kumpens żejjed tal-impjant: l-ewwel nett il-proġett irendi wara ħames snin avolja l-primjum jitħallas għal durata ta' għoxrin sena. It-tieni nett, Direct Energie tkun awtorizzata tbigħ l-elettriku fis-suq avolja dan id-dħul addizzjonali ma ġiex meqjus meta ġiet abbozzata s-sejħa għal offerti. It-tielet nett, l-istudju li għamlet ENGIE jenfasizza n-natura totalment sproporzjonata tal-primjum fiss mitlub minn CEB. Fil-fatt, sussidju ta' EUR 20 miljun fis-sena għal 20 sena kien ikun biżżejjed biex tiġi żgurata l-profittabbiltà ta' CCG fi Franza. Il-primjum tal-kapaċità (apparti l-konnessjoni mal-grilja tal-gass u tal-elettriku) riċevut minn Landivisiau ikun madwar EUR 73 000/Mw/sena qabel l-inflazzjoni, għaldaqstant Landivisiau jibbenefika minn sussidju ta' EUR 31 miljun fis-sena għal 20 sena, li huwa ferm ogħla minn EUR 20 miljun fis-sena li huma meħtieġa.
- (2) Barra minn hekk, diversi partijiet tefgħu dubju dwar il-metodu ta' finanzjament, permezz tas-Servizz Pubbliku tal-Elettriku (CSPE), li huma jqisu bħala illegali. Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi jbasru li r-rimune-razzjoni mħallsa lir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti twassal sal-livell tal-konsumaturi tal-elettriku permezz

⁽¹⁸⁾ RTE, Bilan Electrique de la Bretagne 2014.

tas-CSPE. Diversi partijiet interesati jqisu li dan il-finanzjament permezz tas-CSPE huwa illegali. Huma jqisu li l-finanzjament ta' impjant ta' produzzjoni tat-tip CCG mhuwiex parti mil-lista ta' għanijiet tas-CSPE stabbilita bil-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003 u speċjalment li s-CSPE huwa maħsub biex jipprohwovi l-enerġiji rinnovabbli, u għaldaqstant l-impjant li huwa s-suġġett tal-miżura jiġi eskluż.

- (69) Barra minn hekk, ENGIE tenfasizza li l-proġett ta' Landivisiau jibbenefika minn primjum tal-konnessjoni tal-gass li jvarja minn EUR 40 000/MW/sena u EUR 50 000/MW/sena li huwa mistenni jikkompensa għall-investment fil-bini tal-pipeline tal-gass sa ammont ta' EUR 100 miljun. Din ir-remunerazzjoni twassal għal rata interna ta' redditu (IRR) li tvarja bejn 9,8 % (fil-każ ta' EUR 40 000/Mw/sena mingħajr inflazzjoni tat-tariffa) u 16,5 % (fil-każ ta' EUR 50 000/Mw/sena b'inflazzjoni tat-tariffa). ENGIE tqis li tali livell ta' remunerazzjoni huwa għoli ħafna b'paragun mar-riskju baxx ħafna meħud minn CEB peress li l-primjum tal-konnessjoni tal-gass jikkostitwixxi dħul garantit mill-Istat Franċiż mingħajr riskju ieħor għajr dak tad-disponibbiltà tas-CCG ta' Landivisiau. Imqabbel ma' dan, fir-rigward tas-sejħa ta' offerti rigward l-installazzjonijiet eoliċi fil-baħar fi Franza metropolitana, il-profitabbiltà tal-konnessjoni tal-RTE m'għandhiex taqbeż livell ta' profitabbiltà ta' qabel it-taxxa ta' 7,25 % (jew rata ta' wara t-taxxa ta' 5,5 %). B'hekk, il-profitabbiltà wara t-taxxa tal-proġett de Landivisiau li tvarja bejn 9,8 % u 16,5 % taqbeż bil-kbir dawn il-limiti ⁽¹⁹⁾. Primjum tal-konnessjoni tal-gass ta' EUR 23 000/Mw/sena mingħajr inflazzjoni kien ikun biżżejjed skont ENGIE biex tiġi garantita rata ta' qligħ qabel it-taxxi ta' 7,25 %.

4.1.6. L-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (70) L-effett fuq il-kompetizzjoni ġie żviluppat skont iż-żewġ perspettivi mill-partijiet interessati. Iż-żewġ perspettivi jopponu, minn naħa fuq l-effett tal-ghajjnuna fuq il-kompetizzjoni eżistenti bejn il-produtturi, u min-naħa l-oħra bejn it-teknoloġiji użati għad-detriment tas-sorsi tal-enerġija li l-inqas li jniġġsu.
- (71) Fir-rigward tal-effett potenzjalment imxekkel fuq il-kompetizzjoni, ENGIE tikkunsidra li l-ghajjnuna se tgħin biex tissaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' EDF.
- (72) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni fakkret li l-EEAG jeħtieġu li l-miżura ta' ghajjnuna ppjanata ma ssaħħaħx indebitament id-dominanza tal-operatur ewlieni fis-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni fakkret li fi Franza, "is-swieq tal-produzzjoni u t-twassil tal-elettriku huma kkonċentrati ħafna u ddominati mill-operatur ewlieni, EDF, li bħalissa jikkontrolla madwar 85 % tas-suq bl-immunt u iktar minn 90 % tas-suq tal-produzzjoni tal-elettriku" ⁽¹⁹⁾. Fil-fatt, il-ħlas ta' saldu addizzjonali maħsub biex ikopri n-nuqqas ta' profitabbiltà ta' impjant tat-tip ċiklu kombinat fi Franza se jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-istokk ta' ċikli kombinati eżistenti li iżda ma jibbenefikaw minn l-ebda sussidju. Din ser tipprovi wkoll ostaklu għad-dħul ta' produtturi ġodda fis-suq li mhux se jkun jistgħu jħallsu l-ispejjeż neċessarji għat-tħaddim tal-installazzjonijiet waħedhom. Hu u jkoraggjixxi deċiżjonijiet ta' investment eventwali fis-suq tal-elettriku, is-sejħa għal offerti prevista mhijiex se tippermetti li jitranġa, b'mod effikaċi, il-falliment identifikat tas-suq iżda fuq kollox, se ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' EDF, l-uniku produttur sussettibbli li jiskansa d-diżattivazzjoni temporanja tal-installazzjonijiet tiegħu minkejja t-tnaqqis inevitabbli tal-profitabbiltà tagħhom fil-ġejjieni. Barra minn hekk, ENGIE tikkunsidra li l-pożizzjoni dominanti ta' EDF tista' biss tissaħħaħ permezz tal-mekkaniżmu ta' opzjoni ta' xiri tal-elettriku imponuta fuqha. Għalhekk, CEB se tkun inċentivata tbigħ l-elettriku prodott lill-operatur ewlieni milli lil operaturi oħra fis-suq.
- (73) Għall-kuntrarju, bosta partijiet interessati jenfasizzaw il-fatt li l-miżura li tibbenefika lil Direct Energie, fornitur alternattiv b'sehem żgħir fis-suq fi Franza, se jkollha impatt limitat fuq il-kompetizzjoni.
- (74) Fir-rigward tal-effett potenzjalment imxekkel fuq il-miżura rigward it-tip ta' teknoloġika wżata, bosta partijiet ikkritikaw l-għażla teknoloġika fil-kuntest tas-sejħa għal offerti, li għandu bħala riżultat is-sussidju ta' bini ta' impjant ta' produzzjoni ta' skart u li għalhekk jirriskja li jippreġudika l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli.

5. IL-KUMMENTI TA' FRANZA

5.1. Tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ

- (75) It-tweġibiet tal-awtoritajiet Franċiżi għad-Deċiżjoni tal-ftuħ datata s-17 ta' Diċembru 2016 tirreferi minn naħa għall-kwalifika tas-Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ) u min-naħa l-oħra għall-kompatibbiltà tal-miżura mal-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat dwar l-enerġija u l-ambjent.

⁽¹⁹⁾ Deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Novembru 2015, SA.40454 (2015/C) (ex 2015/N), premessa (137).

5.1.1. *Il-kwalifika tas-SIEĠ*

5.1.1.1. L-ewwel kriterju: Il-kompitu tas-SIEĠ

- (76) Franza tinnota li theddida għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fil-Brittanja kienet identifikata b'mod ċar permezz tar-rapporti ta' monitoraġġ dwar l-ekwilibriju bejn il-provvista u d-domanda kif ukoll mill-fornitur tan-netwerk ⁽²⁰⁾ fir-rapporti previsti tagħha tal-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda. Dawn ir-riskji ġew ikkonfermati minkejja l-fallimenti li seħħew bejn l-istudji ta' adegwatezza u r-realtà.
- (77) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, Bretanja għandha, minn naħa, distakk kbir fil-kapaċità li twassal l-importazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-elettriku tagħha minn reġjuni oħra. Min-naħa l-oħra, il-konsum ta' elettriku Bretanja qed jiżdied b'mod ħafna aktar mgħaġġel mill-konsum Franċiż minħabba l-iżvilupp demografiku li wassal għal sensibilizzazzjoni ikbar fil-konsum reġjonali dovuta għall-kesħa kbira.
- (78) Barra minn hekk, il-konfigurazzjoni ġeografika tal-peniżola ta' Bretanja tillimita l-possibilitajiet ta' trażmissjoni tal-elettriku u skont l-awtoritajiet Franċiżi, iddgħajjed l-istabbiltà tal-vultaġġ tan-netwerk. Il-vultaġġ huwa wieħed mill-parametri prinċipali tas-sigurtà tas-sistema tal-elettriku. Minħabba li l-elettriku jiġi trażmess lejn Bretanja fuq distanza kbira (minn Val de Loire u l-estwarju tal-Loire), iċ-ċirkolazzjoni tal-kurrent fil-linja tikkawża waqgħa fil-voltaġġ, b'dan ikun l-iktar baxx f'tarf il-linja milli kien fil-bidu tal-linja u li għalhekk iwassal għal diversi konsegwenzi: żieda fit-telf tat-trażmissjoni, tnaqqis fil-kwalità tal-mewġ lokali.
- (79) L-awtoritajiet Franċiżi wara enfasizzaw in-nuqqasijiet li jaffettwaw id-deċiżjonijiet operattivi u tal-investment kif ukoll is-suq tal-elettriku fi Franza u fi Bretanja: nuqqas ta' sistema ta' kejl li jippermetti gwida tal-konsum f'ħin reali; nuqqas ta' oqsma differenti ta' prezzijiet li rriflettew il-limiti fin-netwerk; sinjali tal-prezzijiet insuffiċjenti biex tħeġġeġ id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-elettriku mill-investituri privati; ġrajjiet li jistgħu jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-investimenti privati. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' żona ta' suq fi Bretanja, skont l-awtoritajiet Franċiżi, ma tosservax il-kundizzjonijiet normali tas-suq peress li ma toħloqx is-sinjali tal-prezzijiet speċifiċi għal investituri privati fiż-żoni fejn il-ħtiġijiet ta' vultaġġ huma l-iktar għoljin.
- (80) Franza tinnota li l-obbligu ta' nondiskriminazzjoni huwa rispettatt minħabba li dan, skont l-awtoritajiet Franċiżi, ma jinkludix it-teknoloġiji, imma l-intrapriżi.
- (81) Fir-rigward tad-dimensjonar tal-kapaċità, l-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li n-nuqqas ta' kapaċità se jkun agħar minħabba l-għeluq bikri tat-TACs ta' Brennilis u ta' Dirinon (320 MW), kif ukoll il-limitazzjoni tal-kapaċitajiet fuq is-sit Cordemais (1 400 MW għaż-żewġ partijiet) għal raġunijiet ambjentali. Id-defiċit huwa stmat bejn 200 MW u 600 MW fuq il-perjodu 2017-2020. Il-waqfien tagħhom isir b'ċertezza sa mhux aktar tard mill-2023.
- (82) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li s-sejħa għal offerti mhijjex ser tolqot id-deċiżjonijiet ta' investment li jirrigwardaw it-teknoloġiji l-oħra minħabba li l-miżura għandha biss l-għan li tikkumpensa l-ispejjeż speċifiċi għat-teknoloġija użata (l-iktar, it-tisħiħ tan-netwerks tal-gass) kif ukoll il-limitazzjonijiet ta' żmien għall-konstruzzjoni li mhumiex appoġġjati minn teknoloġiji oħra.
- (83) Għall-istess raġunijiet, Franza tenfasizza li s-sejħa għal offerti ma ssahhax il-*"missing money"* għall-kapaċitajiet l-oħra sa fejn dan huwa intiż biss biex jikkumpensa l-ispejjeż żejda speċifiċi għat-teknoloġija użata (GCC). Barra minn hekk, minħabba l-għeluq ta' erba' impjanti tat-Tip TAC sal-2023, l-impatt tal-introduzzjoni ta' impjant ġdid GCC f'Landvisiau se jillimita l-impatt fuq il-*"missing money"*.
- (84) Għall-kuntrarju tal-punt (76) tad-deċiżjoni tal-ftuħ, Franza tikkunsidra li l-miżura mhijjex diskriminatorja. Hija għarrfet li l-miżura ma kinitx teknoloġikament newtrali minħabba li s-sejħa għal offerti timponi r-rikors għat-teknoloġija GCC. Madankollu, Franza tikkunsidra li l-osservanza tal-obbligu tan-nondiskriminazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE ma timplikax l-interdizzjoni fl-għażla ta' teknoloġija partikolari fil-kuntest ta' sejħa għal offerti għal kapaċità ta' produzzjoni sakemm l-intrapriżi kollha jistgħu jaċċedu għal din it-teknoloġija.
- (85) Finalment, l-investimenti fit-tisħiħ tan-netwerk tal-gass se jiffaċilitaw l-impjantazzjoni ta' mezzi kumplementari li joperaw bil-gass naturali.

⁽²⁰⁾ Bilanċ previst 2013 ta' RTE.

5.1.1.2. It-tielet u r-raba' kriterji: il-proporzjonalità u l-għażla tal-irħas kandidat

- (86) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-ewwel nett, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' restituzzjoni kienet tnaqqas it-tamiet għal introjti mistennija mill-kandidati għal bejgħ tal-elettriku fis-suq u kienet twassalhom biex jitolbu premium ogħla. It-tieni nett, l-awtoritajiet jenfazzaw li minħabba r-rabta qawwija, għat-teknoloġija GCC, bejn il-prodotti u l-ispejjeż tal-gass, l-IRR tal-proġett hija relattivament inflessibbli għall-bidliet fil-fatturat. L-awtoritajiet Franċiżi saħqu r-raġunijiet prattiċi: Kien ikun diffiċli li jintroduċu dan il-mekkaniżmu *a posteriori* u l-introduzzjoni tiegħu tista' toħloq inċertezza legali.
- (87) It-tieni nett, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-għadd ta' siti eliġibbli li jistgħu jilqgħu kandidat kien kbir biżżejjed biex l-ebda kandidat ma jiġi eskluż. Iż-żona eliġibbli tista' tiġi stmata bejn 2 000 km² u 4 000 km² ta' art libera, meta mqabbla mal-15-il ettaru meħtieġa għall-kostruzzjoni ta' sit għal GCC. Il-kandidati setgħu wkoll jagħżlu siti oħra billi jitolbu modifiki tal-Pjan Lokali tal-Iżvilupp Urban fil-limiti kompatibbli ma' daww stabbiliti permezz tas-sejħa għal offerti. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-ebda kandidat għas-sejħa għall-offerti ma ġie impedit milli jdahhāl il-kandidaturi tiegħu minħabba nuqqas ta' sit.
- (88) Franza tillimita r-rwol ta' kriterji ambjentali fl-għażla tar-rebbieħ bil-varjetà ta' azzjonijiet possibbli li kandidat jista' jimplementa biex jakkwista marka sodisfaċenti fil-kriterju ambjentali. Dawn il-kriterji josservaw ukoll li t-tliet fajls ta' applikazzjoni mressqa lill-Kummissjoni ta' Regolazzjoni tal-Enerġija kisbu marki ekwivalenti fuq dan il-kriterju ambjentali.
- (89) Fir-rigward tal-karattru potenzjalment diskriminatorju għall-għażla tat-teknoloġija, l-awtoritajiet jirrilewaw in-natura mifruxa fl-Ewropa u l-aċċessibilità tiegħu. L-awtoritajiet Franċiżi imbagħad jenfazzaw li inkonsiderazzjoni tal-prossimità bejn it-teknoloġiji kkunsidrati (OCG ⁽²¹⁾, GCC, TAC), ma hemm l-ebda kandidat esklussivament speċjalizzat f'teknoloġija tal-gass u li kien ikun jista' jqis lulu nnifsu diskriminat minħabba l-miżura. Ir-rispett lejn in-newtralità teknoloġika għalhekk mhix se tiġi kontrobalanċjata.

5.1.2. Il-kompatibilità mal-linji gwida

5.1.2.1. L-interess komuni

- (90) L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-għan ta' din il-miżura hija li tassigura l-provvista tal-elettriku ta' Bretanja permezz ta' żewġ elementi: tassigura minn naħa, il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u tiggarrantixxi l-istabbiltà tal-vultaġġ tan-netwerk min-naħa l-oħra.
- (91) L-awtoritajiet Franċiżi jispeċifikaw li l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda se jkun garantit mill-miżura li se tikkontribwixxi għat-titjib tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni, li dawn iridu jkunu disponibbli fil-punt ta' konsum u b'mod partikolari, fil-Punent tar-reġjun (il-provvista tilħaq id-domanda tal-potenza reattiva).
- (92) L-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw fl-aħħar nett li l-fatt li l-ebda telf tal-provvista tal-enerġija ma ġiet osservata fil-passat ma jiġġustifikax li ma tittieħed l-ebda miżura kontra t-theddid potenzjali u identifikati.

5.1.2.2. In-neċessità

- (93) L-awtoritajiet Franċiżi jiġġustifikaw l-ewwel nett, in-neċessità tal-miżura permezz ta' elementi kwantifikati. Fil-każ ta' għeluq ta' erba' TAC ta' Brennelis u Dirinon u taqsimiet tal-fjuwil fuq is-sit ta' Cordemais, id-defiċit residwali jiġi stmat bejn 200 MW u 600 MW kull sena, fuq il-perjodu 2017–202. Dawn l-impjanti għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard mill-2023.
- (94) It-tieni nett, Franza tiġġustifika l-ħtieġa tal-miżura minn fallimenti tas-suq, murija l-iktar min-nuqqas ta' investiment fi Bretanja minkejja l-eżistenza ta' ħtieġa għall-komunità.
- (95) It-tielet nett, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-ħtieġa ma tikkonċernax il-ħolqien ta' żona ta' prezzijiet għal Bretanja. L-ewwel nett, din iż-żona li tkopri Bretanja kollha ma tippermettix li twieġeb għall-għan ta' żamma ta' vultaġġ fi ħdan dik iż-żona. It-tieni nett, tali żona, ristretta fil-Punent ta' Bretanja minħabba n-nuqqas ta' konġestjoni fuq tranżiti mal-bqija ta' Bretanja, ma timplikax is-sinjali tal-prezzijiet suffiċjenti sabiex jixprunaw l-investiment. Skont

(21) Open cycle gas turbine: turbina tal-gass b'ċiklu miftuħ.

Franza, din iż-żona fil-fatt, tippreżenta attrazzjoni limitata minħabba d-daqs żgħir wisq biex tiġbed il-fornituri ż-żgħar. Ma hemm l-ebda ċertezza li ż-żona tal-prezzijiet tiżvela l-valur reali ta' mezz ta' produzzjoni fi Bretanja u twassal biex wieħed jinvesti hemmhekk minħabba l-livell baxx ta' okkorrenzi ta' konġestjoni fin-netwerk. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda ċertezza dwar il-fatt li dan l-investiment isir b'inqas spejjeż mill-komunità meta mqabbel ma' sejħa għall-offerti ta' darba. Fl-aħħar nett l-awtoritajiet jenfasizzaw l-ispejjeż maħluqa minħabba l-ħolqien ta' żona ta' prezz speċifiku għal Bretanja: aġġustamenti neċessarji fis-swieq bl-ingrossa, allokkazzjonijiet ta' drittijiet ta' tariffi tat-trażmissjoni, aġġustament tariffarju ⁽²²⁾ sabiex ma jiġux penalizzati l-konsumaturi ta' Bretanja. Id-dewmien fl-istabbiliment fl-aħħar mill-aħħar jistgħu ma jikkorrispondux għall-ħtiġijiet fuq medda iqsar tal-istabbiliment ta' sigurtà fil-provvista tal-elettriku tas-sistema ta' Bretanja.

- (96) Ir-raba' nett, l-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li l-produzzjoni ta' Bretanja hija rinnovabbli fil-maġġoranza tagħha permezz tal-enerġija mir-riħ. Il-ġestjoni tal-intermittenza tikkostitwixxi għalhekk sfida dejjem akbar fi Bretanja li tehtiġ iktar u iktar id-disponibbiltà ta' mezzi flessibbli bħal l-GCC ta' Landvisiau.
- (97) Il-ħames nett, il-bini ta' mezz ta' produzzjoni fi Bretanja jista' jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi kollha Franċiżi barra l-perijodi tal-konġestjoni tan-netwerk billi jillimita r-riskju ta' waqgħa fil-vultaġġ billi jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-telf online u billi jtejjeb b'mod globali l-livell ta' adegwatezza tal-kapaċità.
- (98) Is-sitt nett, Franza temmen li l-ħtieġa tal-miżura hija sostnuta mill-ħtieġa li tevita kollass tal-vultaġġ fi Bretanja kollu li jista' jipatti l-uniku ħolqien ta' linji tal-elettriku.
- (99) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw, fl-aħħar nett, li minħabba l-għeluq ta' TACs ta' Brennilis u Dirinon, il-varjazzjoni fil-kapaċità termika fir-reġjun ser tkun baxxa, fl-ilma ta' 100 MW. F'dan il-kuntest, l-impatt fuq "missing money" ser ikun baxx ħafna.

5.1.2.3. Natura xierqa

- (100) Fir-rigward tar-remunerazzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li din hija adattata peress li hija remunerazzjoni tal-kapaċità u għalhekk ma tiffornixxi l-ebda inċentiv għall-produzzjoni.
- (101) Il-frazzjonament taż-żona tariffarja ma tkunx xierqa, speċjalment biex tiġi żgurata ż-żamma tal-vultaġġ, bħal ma hu spjegat fil-premessa 95.
- (102) Jekk l-awtoritajiet Franċiżi ma jikkuntestawx li l-miżura nnotifikata hija selettiva, huma xorta waħda jqisu li, minn naħa, it-teknoloġija magħżula tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tindirizza l-ħtieġa identifikata u li hija b'hekk ġiet magħżula wara sejħa għal offerti teknoloġikament newtrali u li, min-naħa l-oħra, il-miżura ma tiħux post l-iżvilupp ibbilanċjat u ġust tat-teknoloġiji kollha neċessarji għas-sigurtà tal-provvista, inkluż ir-reazzjoni, l-interkonnnetturi u l-ħażna.
- (103) Barra minn hekk, il-qawwa ta' 450 MW, skont Franza, hija ġġustifikata mill-kriterju ta' nuqqas ta' kapaċità waqt l-ogħla konsum (eż: il-previżjonijiet ta' RTE 2012).
- (104) L-adeqwatezza tat-teknoloġija imbagħad tiġi pprovata mill-karatteristiċi tekniċi meħtieġa biex tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi: dewmien ta' ħmistax-il siegħa fil-mobilizzazzjoni (magna wieqfa) jew ta' sagħtejn (magna operattiva); skadenzi minimi għall-offerti ta' aġġustament inferjuri jew indaqs għal tliet sigħat (operattiv) jew tmien sigħat (imwaqqfa). Ma hemmx limitu ta' tul ta' żmien massimu għall-attivazzjoni ta' offerti ta' aġġustament. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li t-teknoloġiji l-oħra (ċiklu miftuħ, TAC) u r-reazzjonijiet ma jstgħux jirrispondu b'mod sodisfaċenti għal dawn l-esiġenzi tekniċi.
- (105) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, Franza ma tistax tiġi akkużata li ma ikkunsidratx teknoloġiji oħra fis-sejħa għall-offerti bħal dik dwar il-GCC ⁽²³⁾. L-awtoritajiet Franċiżi jinvokaw l-Artikolu 194 tat-TFUE li tistabbilixxi li l-miżuri adottati mill-Unjoni Ewropea ma jstgħux jaffettwaw id-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu: l-għażla ta' impjant li jaħdem bil-gass taq' fil-kompetenza nazzjonali u ma tistax tikkostitwixxi raġuni li żżommu lura mill-miżura.

⁽²²⁾ L-aġġustament tariffarju huwa strument li jiżgura Prattika ta' tariffi identiċi fit-territorju kollu.

⁽²³⁾ Il-premessa (6) tar-risposta tal-awtoritajiet Franċiżi tas-17 ta' Diċembru 2015.

- (106) Fir-rigward tar-reazzjonijiet, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li wieħed mill-għanijiet tal-miżura hija ż-żamma tal-vultaġġ lokali li tista' tiġi żgurata biss b'injezzjoni tal-elettriku lokali li fiha ma jistax ikun hemm kapaċitajiet ta' reazzjoni.
- (107) It-teknoloġiji l-oħra ma setgħux jiġu aċċettati mingħajr ma jitolbu primjum oghla.
- (108) It-teknoloġija tal-GCC hija ġġustifikata mill-ammont kbir ta' sigħat ta' użu biex jimmantjenu l-livell ta' vultaġġ. It-TAC huma kompetittivi għal mitt siegħa biss. Il-ħtiġijiet ta' provvista tal-gass jiġġustifikaw ukoll l-użu ta' din it-teknoloġija: TAC kien ikollu bżonn 50 % ta' aktar gass. L-OCG jiswa inqas minn GCC, iżda l-ispejjeż għoljin ta' provvista tal-gass jiġġustifikaw l-użu ta' makkinarju aktar effiċjenti.
- (109) It-teknoloġija tar-reazzjoni mhijiex kumpatibbli mal-ħtieġa operattiva ta' ftiit eluf ta' sigħat. Din lanqas ma tippermetti li tiġi żgurata l-ħtieġa tal-produzzjoni. L-istess japplika għall-moduli ta' ġenerazzjoni rinnovabbli intermittenti minħabba n-natura mhux "kontrollabli" tal-produzzjoni. It-teknoloġiji tal-ħżin deċentralizzati huma spejjeż ta' investment għoljin wisq biex jikkompetu mal-GCC. Interkonnessjoni ġdida ma kinitx tkun suffiċjenti biex tikkompeti t-teknoloġija tal-GCC minħabba l-problema ta' vultaġġ.
- (110) Minbarra li l-kapaċitajiet eoliċi u fotovoltajċi huma wisq intermittenti biex jipproponu impenn ta' disponibbiltà bi prezz kompetittiv. Il-kapaċitajiet idrawliċi eżistenti huma wkoll intermittenti. Il-kapaċitajiet eżistenti tal-produzzjoni termali rinnovabbli diġà jibbenefikaw minn appoġġ mill-pubbliku u ma setgħux jieħdu sehem fis-sejħa għal offerti. Il-kapaċitajiet termali fossili kienu min-naħa tagħhom jirrikjedu investimenti kbar sal-2023. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dawn l-argumenti jenfasizzaw il-karattru xieraq tat-teknoloġija magħżula.

5.1.2.4. Il-proporzjonalità

- (111) Franza tenfasizza li l-profitabbiltà tal-proġett, imkejla bit-TRI ta' [5-10] %, hija fil-livell inferjuri meta mqabbla mal-profitabbiltà meħtieġa mill-investituri għal dan it-tip ta' proġett.
- (112) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' restituzzjoni hija tard wisq u li l-introduzzjoni tiegħu, li se twassal għal tnaqqis fid-dħul, se twassal għal talba ta' ħlas ta' premium ogħla b'tali mod li l-impatt tagħha fuq il-profitabbiltà tal-proġett se jinnewtralizza ruħha.
- (113) Għal dawn ir-raġunijiet, Franza tqis li l-miżura hija ta' natura proporzjonata.

5.1.2.5. Distorsjoni tal-kompetizzjoni

- (114) Skont Franza, il-miżura ma tnaqqasx l-inċentivi għall-investment fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni, l-iktar bejn Franza u l-Irlanda.
- (115) Barra minn hekk, il-miżura ma tkunx ta' tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti tal-pożizzjoni dominanti ta' EDF. Fil-fatt ir-rebbieħ se jkollu interess ikbar biex jikkumerċjalizza l-elettriku fis-suq huwa stess. Il-bejgħ tal-elettriku lil EDF b'rata mraħħsa ta' 5 %, imsemmi fil-premessa 53 huwa inqas vantaġġjuż mill-bejgħ b'rata ta' 100 % bil-prezz tas-suq. Għalhekk, din hija għażla legalment possibbli iżda mhux ekonomikament iġġustifikata.

5.2. It-tweġiba għall-kummenti tal-partijiet interessati

5.2.1. Il-ħtieġa għall-miżura

- (116) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li din il-kontestazzjoni tal-proġett minn diversi partijiet interessati minħabba tkabbir iżgħar fil-konsum ma hijiex fondata. Fil-fatt, huma jenfasizzaw li l-konsum tal-elettriku fi Bretanja żdied b'9,9 % bejn l-2006 u l-2014 b'paragun ma' żieda medja ta' 2,9 % fi Franza. L-awtoritajiet Franċiżi jirreferu wkoll għal studju li skontu, Bretanja hija t-tielet l-aktar reġjun dinamiku fi Franza fir-rigward taż-żieda fil-konsum tal-elettriku ⁽²⁴⁾.
- (117) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-istruttura partikolari tal-konsum tal-elettriku fir-reġjun, magħmul minn taqsima iktar importanti tas-setturi residenzjali u terzjarji, twassal għal aktar sensitività ogħla tal-konsum reġjonali meta tkun il-kesħa. Bretanja tirrapreżenta għalhekk 6,3 % taż-żieda fil-punt ta' konsum, filwaqt li tirrapreżenta 4,4 % biss tal-konsum annwali tal-elettriku.

⁽²⁴⁾ Sinteżi tar-rapporti dwar l-elettriku reġjonali 2014-RTE, ara l-anness 1.

- (118) It-tendenza ekonomika qed tmajna, il-progress tal-effiċjenza enerġetika mwettqa mill-evoluzzjoni tal-kuntest regolatorju qed jillimita t-tkabbir fid-domanda, li stabbilizza ruħha għall-ewwel darba fl-2014. Għall-kuntrarju, l-evoluzzjoni ta' għadd ta' familji, meħuda minn demografija dinamika, l-evoluzzjoni ta' modi ta' ħajja bl-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-bidu tad-distribuzzjoni elettrika tal-vettura u l-iżvilupp ta' park b'pompi tas-sħana jagħtu spinta lid-domanda. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-aħħar previżjonijiet ta' żieda fil-konsum tal-elettriku fi Bretagna jibqgħu oġhla mill-medja tal-pajjiż.
- (119) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-paraguni bejn il-previżjonijiet tal-PEB u l-konsum mwettaq għandhom isiru b'parametri identiċi. B'hekk, il-previżjonijiet tal-PEB kienu jinkludu l-konsum assoċjat mat-telf fin-netwerks, li ma ttiħidx kont tiegħu sistematikament mill-assoċjazzjonijiet li wiegħbu lill-Kummissjoni meta dawn għamlu t-tqabbil. L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li dan l-iżball wassal għal żball fl-entrati. Barra minn hekk, huma jqisu li għadd ta' assoċjazzjonijiet jibbażaw fuq evalwazzjonijiet żbaljati, speċjalment f'dak li jikkonċerna d-disponibbiltà ta' enerġiji intermittenti, li ma kienux se jieħdu post l-evalwazzjonijiet magħmula minn RTE.

5.2.2. *Il-legalità tal-finanzjament tal-miżura*

- (120) Bħalma huwa spjegat fil-premessa 68(2), ċerti partijiet interessati jqisu li l-finanzjament tal-miżura hija illegali, b'mod partikolari, li s-CSPE tkun esklużivament irriżervata għall-finanzjament ta' enerġiji rinovabbli.
- (121) L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw din l-allegazzjoni. Fil-fatt:
- (a) Il-bażi legali tas-sejħa għall-offerti hija l-ippogrammar pluriannwali tal-investimenti tal-2009, li tidentifika r-riskji għas-sigurtà tal-provvista fi Bretanja u tenfasizza l-ħtieġa li jinbena mezz ta' produzzjoni tradizzjonali fir-reġjun.
- (b) L-Artikolu L. 311-10 tal-kodiċi tal-enerġija jipprovdi li s-sejħiet għal offerti jistgħu jitnedu "fejn il-kapaċità ta' produzzjoni ma tilħaqx l-oġġettivi tal-programmazzjoni multiannwali ta' investimenti, speċjalment dawk li jikkonċernaw it-tekniki ta' produzzjoni u l-lokalizzazzjoni ġeografika tal-faċilitajiet". Dan huwa l-każ ta' din is-sejħa għal offerti.
- (c) Fl-aħħar nett, il-punt 1 tal-Artikolu L. 121-7 tal-kodiċi tal-enerġija jipprovdi li l-ispejjeż imputabbli lill-funzjonijiet ta' servizz pubbliku jinkludu "l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw, fejn xieraq, fl-applikazzjoni tal-artikoli L. 311-10 sa L. 311-13-5".

It-testi ċċitati hawn fuq juru li l-finanzjament tas-sejħiet għal offerti mnedija skont l-Artikolu L. 311-10 tal-kodiċi tal-enerġija setgħu jintlaħqu bħala kumpens għall-ispejjeż attribwiti għal missjonijiet tas-servizz pubbliku, u dan anke jekk ma jittrattawx dwar enerġija rinnovabbli.

- (122) Fl-aħħar nett, skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-riforma tas-CSPE fi tmiem l-2015 ma biddlitx dawn l-indikazzjonijiet. Il-finanzjament tal-miżura se jitwettaq minn approprazzjonijiet baġitarji.

5.2.3. *L-impatt fuq il-kompetizzjoni*

- (123) Kif żviluppat fil-premessa (74), ENGIE tikkunsidra li s-sejħa għal offerti ser issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tal-grupp EDF minħabba l-fatt li se jkun l-uniku produttur sussettibbli li jiskansa d-diżattivazzjoni temporanja tal-installazzjonijiet tiegħu minkejja t-tnaqqis inevitabbli tal-profitabbiltà tagħhom fil-ġejjieni. Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-wasla ta' attur ġdid fis-suq tal-produzzjoni tgħin biex tiżviluppa l-kompetizzjoni.

5.2.4. *Proċedura trasparenti — Konsultazzjoni Pubblika*

5.2.4.1. *Il-preżenza ta' dibattitu pubbliku*

- (124) Bosta partijiet interessati qiesu li d-dibattitu pubbliku dwar il-proġett ma kienx biżżejjed. Għall-kuntrarju tagħhom, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-proċedura tad-dibattitu pubbliku hija sodisfaċenti. Għaldaqstant:
- (1) Il-proġett kien soġġett għal awtorizzazzjoni meħuda taħt il-forma ta' digriet prefettorali li tistipula d-dispożizzjonijiet li l-operatur għandu jirrispetta sabiex jiżgura l-ħarsien tal-ambjent, bi qbil mat-titolu 1 tal-Ktieb V tal-Kodiċi tal-Ambjent dwar l-impjanti kklassifikati għall-ħarsien tal-ambjent.

- (2) Il-proġett kien is-suġġett ta' investigazzjoni pubblika li saret bejn il-15 ta' Settembru 2014 u l-31 ta' Ottubru 2014 skont il-kundizzjonijiet preċiżi fid-digriet prefettorali tat-18 ta' Awwissu 2014. Il-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni pubblika jenfasizzaw li l-informazzjoni tal-pubbliku kiener biżżejjed u ppermettiet konsultazzjoni reali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-fatt li l-maġġoranza fl-għadd tat-tweġibiet riċevuti ma jkunux favorevoli ma timminax id-deċiżjoni motivata tal-Kummissjoni ta' Inkjesta;
- (3) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi fakkru li d-dibattitu li sar fil-livell lokali u reġjonali u l-konsultazzjoni mhux biss ippermettiet li l-pubbliku jingħata informazzjoni, iżda wkoll tat okkażjoni biex jiffurmaw gruppi ta' ħidma li jiġbru l-assoċjazzjonijiet favur jew kontra l-proġett.

5.2.4.2. L-għan tal-primjum

- (125) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-affermazzjoni ta' parti interessata li s-sejħa għal offerti ma kinitx trasparenti għalha, sa fejn il-għan tal-primjum ma kienx definit b'mod ċar, ma hijiex fondata.
- (126) Skont din il-parti, filwaqt li l-primjum kien intiż biss biex ikopri l-ispejjeż żejda marbuta mal-lokalizzazzjoni tal-installazzjoni, it-trażmissjoni tal-elettriku u d-data prevista tal-operat, ċerti kandidati talbu saldu addizzjonali fl-offerta tagħhom li jikkompensaw in-nuqqas ta' qligħ mill-impjant. Flus addizzjonali ma kienx ikun konformi mal-ispeċifikazzjoni u kien jintroduċi distorsjoni fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-istokk ta' ċikli kkumbinati eżistenti u għalhekk, kien joħloq preġudizzju.
- (127) L-awtoritajiet Franċiżi fakkru li l-kandidat magħżul jista' jitħallas biss mill-ammont tal-premjum propost. Kull kandidat li jitlob ħlas addizzjonali għal dak tal-primjum fiss, li huwa perfettament deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet, ma jkunx konformi. L-ebda ħlas addizzjonali ("saldu") ma jista' jiġi previst u barra minn hekk, lanqas ma jista' jitqies fl-evalwazzjoni tal-kriterju primjum. Dan il-punt ġie mfakkar mis-CRE b'risposta għal domanda magħmula minn kandidat fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti.
- (128) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan il-punt ma huwiex is-suġġett ta' diffikultajiet ta' interpretazzjoni min-naħa tal-kandidati li sottomettew offerta. Dawn kienu kapaċi jintegraw l-ispiża addizzjonali għad-dħul fis-servizz tal-installazzjoni f'kuntest ekonomiku degradat għall-ammont tal-primjum propost.

6. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

6.1. Il-preżenza tal-għajnuna

- (129) L-għajnuna tal-Istat hija definita fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE bħala għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, safejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (130) Jirriżulta mill-premessa preċedenti li l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat tirrikjedi li dawn it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti b'mod kumulattiv: (a) il-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat; (b) il-miżura tagħti vantaġġ selettiv li jista' jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produtturi ta' ċerti prodotti; (c) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u jkollha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri.

6.1.1. Għajnuna imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat

- (131) Biex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura finanzjarja għandha tkun imputabbli lill-Istat Membru u mogħtija, direttament jew indirettament, permezz tar-riżorsi tal-Istat.
- (132) F'dan il-każ, huwa stabbilit li r-remunerazzjoni mogħtija lil CEB tingħadda fuq il-prezzijiet tal-bejgħ bl-immnut tal-elettriku permezz tas-CSPE (ara l-premessa 42).

- (133) Kif indikat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-CSPE hija riżorsa tal-Istat, billi din hija "kontribuzzjoni imposta mill-Istat, li tinġabar u hija ġestita minn entità maħtura mill-Istat biex iġġestixxi l-iskema ta' għajjnuna skont ir-regoli stabbiliti mill-Istat". Hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁵⁾, il-fondi pprovduti permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru, ġestiti u mqasma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet pubbliċi jew privati distinti mill-awtorità pubblika ⁽²⁶⁾.
- (134) Fl-aħħar nett, il-miżura hija imputabbli lill-Istat peress li l-avviż ta' sejħa għal offerti kien ippubblikat mill-Ministru responsabbli mill-enerġija u dan tal-aħħar kellu l-għażla tal-kandidat.

6.1.2. Vantaġġ ekonomiku

- (135) Sabiex tkun tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-miżura għandha tkun ta' benefiċċju għall-impriża li tibbenefika minnha, li jfisser li din l-impriża ma setgħetx tikseb dan il-vantaġġ fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri, fl-assenza ta' intervent mill-Istat.
- (136) L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-miżura ma tikkostitwixxix vantaġġ ekonomiku li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fil-ġurisprudenza *Altmark* ⁽²⁷⁾. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji dwar din l-evalwazzjoni, u b'mod partikolari dwar jekk l-ewwel kriterju ġiex sodisfatt.
- (137) Jeħtieġ li l-ġurisprudenza *Altmark* ⁽²⁷⁾ tiġi evalwata jekk il-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ lil CEB.
- (138) Fis-sentenza *Altmark*, il-Qorti ddeċidiet li "sa kemm intervent mill-Istat għandu jkun ikkunsidrat bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod illi dawn l-impriżi, fir-realtà ma jidhux vantaġġ finanzjarju u li l-imsemmi intervent m'għandux għalhekk l-effett li jpoġġi tali impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli minn dik ta' impriżi kompetituri tagħhom, tali intervent ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat" ⁽²⁸⁾.
- (139) Bħala nota ta' tfakkir, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-miżura ma tikkostitwixxix vantaġġ ekonomiku li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fil-ġurisprudenza *Altmark*.
- (140) Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁹⁾, sabiex kumpens għal servizz pubbliku jista' jevita li jiġi kwalifikat bħala għajjnuna mill-Istat, għandhom ikunu sodisfatti l-erba' kriterji kumulattivi li ġejjin:

- (1) l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament ġiet inkarigata bit-twettiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku li trid taqdi, u l-obbligi għandhom ikunu definiti sew;
- (2) il-parametri li fuq il-bażi tagħhom irid jiġi kkalkolat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti;
- (3) il-kumpens ma jistax ikun aktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll profitt raġonevoli; u
- (4) meta l-impriża inkarigata mit-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku ma tkunx saret skont proċedura tal-għażla kompetittiva li tippermetti li jintgħażel l-offerent li jkun kapaċi jipprovidi daww is-servizzi li jiswew l-inqas lill-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li ġġarrab impriża tipika, li tkun immexxija tajjeb u li jkollha biżżejjed mezzi neċessarji sabiex tissodisfa l-obbligi tas-servizz pubbliku filwaqt li jitqiesu d-dħul rilevanti u profitt raġonevoli relattivi sabiex jitwettqu l-obbligi.

⁽²⁵⁾ Qġ-UE, Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent de Colère!* c. Ministru tal-Ekoloġija, C-262/12.

⁽²⁶⁾ Qġ-UE, Sentenza tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni* (173/73, *Ġabra* p. 709, punt 35).

⁽²⁷⁾ Qġ-UE, 24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH*, il-Kawża C-280/00.

⁽²⁸⁾ *Idem*, premessa 87.

⁽²⁹⁾ *Idem*, premessi 88-94.

- (141) Fir-rigward tal-ewwel kriterju, jekk jiġi rikonossut li l-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex jiddeterminaw liema servizzi jistgħu jitqiesu bħala obbligi tas-servizz pubbliku ⁽³⁰⁾, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement fakkret ⁽³¹⁾ li, meta jeżistu regoli speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni li jinkludu d-definizzjoni tal-kontenut u tal-portata tas-SIEĠ, dawn jorbtu l-evalwazzjoni tal-Istati Membri, skont il-punt 46 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Dawn ir-regoli ġeneralment għandhom l-għan ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet sabiex jitneħħew l-ostakoli għal-libertajiet għall-movimenti liberi u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-fatt li l-istandards jiġu adottati fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat minbarra dawk dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u għandhom, bħala għan ewlieni t-twertiq tas-suq intern, bl-ebda mod ma jillimita r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-ewwel kriterju *Altmark*.
- (142) Fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati u tar-risposti pprovduti minn Franza (Taqsim 5), il-Kummissjoni tqis li l-miżura ma tissodisfax l-ewwel kriterju ta' *Altmark* dwar il-kwalifika tal-obbligu ta' servizz pubbliku ("OSP") — b'mod partikolari għas-settur tal-enerġija, għal żewġ raġunijiet.
- (143) L-ewwel nett, kif spjegat il-Kummissjoni ⁽³²⁾, mhux xieraq li tiġi kklassifikata bħala obbligu tas-servizz pubbliku attività li diġà tkun iprovduta jew li tista' tkun iprovduta b'mod sodisfaċenti mis-suq. Skont din l-analiżi, għandu jitqies ukoll it-titjib possibbli għall-funzjonament tas-suq li jista' jiġi implimentati mill-Istati Membri. Fil-fatt, jekk dawn il-bidliet huma possibbli, mhux xieraq li tiġi kkwalfikata l-attività ta' obbligu ta' servizz pubbliku. Madankollu, f'dan il-każ, is-suq jista' jiġi kkunsidrat bħala mhux funzjonali sa fejn ma jibgħatx is-sinjali tal-prezzijiet biżżejjed sabiex jixpruna l-investiment fil-livell lokali. Dan huwa l-każ speċjalment tas-swieq ta' terminu qasir, bħas-swieq ta' bbilanċjar, li l-mekkaniżmi ta' aġġustament tagħhom ma jipproduċux fid-data tal-proġett, sinjal tal-prezz lokali suffiċjenti.
- (144) It-tieni nett, il-preżenza ta' diskriminazzjoni dwar it-teknoloġiji ma tippermettix li jiġi kkwalfikat is-servizz ta' obbligu ta' servizz pubbliku. F'dan il-każ, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-Elettriku ⁽³³⁾ jispeċifika l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-kapaċità tal-Istati Membri li jimplementaw l-OSP fis-settur liberalizzat tal-elettriku. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(2) jillimita l-possibbiltajiet tal-Istati għall-implimentazzjoni ta' OSP fis-settur tal-enerġija għal objettivi speċifiċi ⁽³⁴⁾: "*l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ambjentali, inklużi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-protezzjoni tal-klima.*" L-istess Artikolu 3(2) jipprevedi wkoll li l-OSP fis-settur tal-enerġija għandhom ikunu "*definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u jiggarrantixxu aċċess ugwali lill-kumpaniji tal-elettriku tal-Unjoni għall-klijenti.*"
- (145) Il-Kummissjoni tqis li l-kriterju tan-nondiskriminazzjoni, analizzat fil-kuntest tal-eżistenza ta' obbligu ta' servizz pubbliku, għandu jiġi interpretat b'mod strett. In-notifika mressqa minn Franza tispeċifika li s-sejħa għal offerti tikkonċerna l-bini u l-użu ta' installazzjoni ta' produzzjoni tal-elettriku li jagħmel użu biss mit-teknoloġija taċ-ċiklu kombinat ⁽³⁵⁾. F'termini oħra, is-sejħa għal offerti kienet ristretta għal teknoloġija unika (GCC) u eskudiet speċjalment, it-teknoloġiji konvenzjonali tat-tip OCG jew TAC li setgħu wkoll jipprovdu s-servizzi meħtieġa fl-impjant benefiċjarju.
- (146) Kif spjegat fil-premessi 84 u 89, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-fatt li l-miżura ma tkunx teknoloġikament newtrali ma jikkostitwixxi diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 2009/72/KE peress li l-impriżi kollha jista' jkollhom aċċess għat-teknoloġija GCC kif ukoll għat-teknoloġiji konvenzjonali kollha. Madankollu, il-miżuri ta' għajnuna għandhom ikunu ddisinjati b'mod li l-kapaċitajiet ta' produzzjoni jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-indirizzar tal-problema tal-adegwatezza tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni li jipparteċipaw f'dawk il-miżuri u speċjalment, il-parteċipazzjoni ta' ġeneraturi li jużaw teknoloġiji differenti. Għalhekk, l-argument ta' Franza li l-impriżi kollha jkunu jistgħu jkollhom aċċess għat-teknoloġija GCC ma jippermettix li tiġi eskluża n-natura diskriminatorja tal-miżura.

⁽³⁰⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, 2012/C 8/02, punt 46.

⁽³¹⁾ Il-Qorti Ġenerali, l-1 ta' Marzu 2017, il-każ T-454/13, SNCM c/Kummissjoni, punt 113

⁽³²⁾ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4), punt 48.

⁽³³⁾ Id-Direttiva 2009/72/KE.

⁽³⁴⁾ Kawża C-242/10 — *Enel Produzione*, ECLI:EU:C:2011:861, paragrafu 42.

⁽³⁵⁾ Il-punt 20 tan-notifika mibgħuta minn Franza.

- (147) Il-Kummissjoni tinnotta li s-sejħa ta' offerti kellha l-għan li ttejjeb il-livell tal-produzzjoni tal-elettriku tar-reġjun sabiex iżżomm is-sigurtà tal-provvista minkejja l-għeluq ippjanat ta' bosta siti ta' produzzjoni u biex tiġi riżolta l-problema rikorrenti ta' vultaġġ fi Bretanja. Biex twieġeb għal dan il-għan doppju, l-ispeċifikazzjonijiet elenkaw għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-impjant benefiċjarju tal-futur. Dan kellu jkollu potenza attiva ta' madwar 450 MW ($\pm 10\%$), jkun fil-Punent ta' Bretanja u jkun disponibbli dejjem biex jippermetti l-mobilizzazzjoni tiegħu minn RTE permezz tal-mekkaniżmu ta' aġġustament. Min dan ir-rekwiżit tal-aħħar, l-ispeċifikazzjonijiet kienu jippreċiżaw li l-impjant għandu jiġi mmobilizzat minn RTE f'mhux iktar tard minn ħmistax-il siegħa minn meta l-magna tkun wieqfa u mhux iktar tard minn sagħtejn minn meta tkun qed topera l-magna, u li ma jistax ikun hemm restrizzjonijiet ta' żmien massimu għall-attivazzjoni ta' offerti ta' aġġustament u li d-dewmien minimu ta' offerti ta' aġġustament għandu jkun ta' tliet sigħat jew inqas għal magna li qed topera, u tmien sigħat għal magna wieqfa. Dawn il-kundizzjonijiet huma intiżi sabiex jiggarrantixxu r-reattività u l-flessibilità tal-impjant u b'hekk jiżguraw li RTE tkun tista' timmobilizza l-impjant biex tissodisfa hteġa puntwali u temporanja li jiżguraw iż-żamma tal-vultaġġ u l-bilanċ lokali fl-istess ħin. Fil-premessi 107 u 108, Franza ma tikkontestax li dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jintlaħqu mill-impjanti konvenzjonali kollha, jiġifieri minn GCC, OCG u TAC.
- (148) Bl-istess mod, l-analiżi tal-adeqwatezza tat-teknoloġiji differenti mal-għanijiet stabbiliti mis-sejħa għal offerti twassal għall-konklużjoni li t-tliet teknoloġiji konvenzjonali (GCC, OCG et TAC) setgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet identifikati mill-awtoritajiet Franċiżi, għalkemm f'kundizzjonijiet ta' effiċjenza differenti. Madankollu, is-sejħa għal offerti tipprevedi biss l-istabbiliment ta' impjant tat-tip GCC. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li s-sejħa għal offerti hija diskriminatorja.
- (149) Madankollu, kif infakkar fil-premessa 144, l-obbligu ta' servizz pubbliku għandu jkun neċessarjament nondiskriminatorju. Id-diskriminazzjoni kkonstatata fil-konfront ta' ċerti teknoloġiji konvenzjonali b'hekk teskludi l-kwalifika tal-obbligu ta' servizz pubbliku tal-miżura.
- (150) Għalhekk, l-argument ta' Franza ppreżentat fil-premessa 84 li skontu l-miżura ma tikkostitwixxi diskriminazzjoni lejn tipi oħra ta' teknoloġiji konvenzjonali ma għandhiex tkun ammissibbli. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-miżura ma tistax tiġi kkwifikata bħala obbligu ta' servizz pubbliku. Għalhekk, l-ewwel kriterju stabbilit mill-ġurisprudenza *Altmark* ma ġiex irrispettat.
- (151) Il-miżura tikkostitwixxi għalhekk vantaġġ. Fil-fatt, fis-sens tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 107 tat-TFUE, il-vantaġġ huwa vantaġġ ekonomiku li intrapriża ma kellhiex tikseb fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent tal-Istat. F'dan il-każ, il-konsorzju se jibbenefika minn primjum li ma tkunx allokata fil-kundizzjonijiet normali tas-suq iżda li tirriżulta minn sussidju pubbliku. Għaldaqstant, il-miżura tista' titqies bħala vantaġġ mogħti lir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti.
- (152) Fit-tieni lok, sabiex titqies bħala selettiva skont l-Artikolu 107(1) TFUE, għajna għandha tiffavorixxi lil "*ċerti impriżi jew ċerti produttori*". F'dan il-każ, il-miżura hija allokata b'mod esklużiv lir-rebbieħ tas-sejħa għal offerti u għandha għalhekk tkun ikkunsidrata bħala selettiva.
- (153) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-miżura tagħti vantaġġ selettiv għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE.

6.1.3. L-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (154) L-għajna pubblika għall-impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) biss għandha effett fuq il-kompetizzjoni jekk din "(...) twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti" u sa fejn "tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri". Miżura mogħtija mill-Istat titqies li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni meta tkun probabbli li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbel ma' impriżi oħra li jikkompeti magħhom⁽³⁶⁾. Fil-prattika, distorsjoni fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE huwa normalment ikkonstatat malli l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur fejn il-kompetizzjoni teżisti⁽³⁷⁾. F'dan il-każ, il-miżura hija ta' natura li ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-konsorzju CEB meta mqabbel ma' impriżi oħra, li ppermettewlu jżid il-kapaċità tiegħu biex jipproduċi l-elettriku meta mqabbel mal-bqija tal-kompetituri.

⁽³⁶⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris, 730/79

⁽³⁷⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, Alzetta, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97

- (155) L-ghajjnuna pubblika għall-impriża tikkostitwixxi biss għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE sa fejn "tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri". Is-sostenn pubbliku jista' jitqies li kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri anki jekk il-benefiċjarji mhumiex direttament involuti f'kummerċ transfruntier. Barra minn dan, l-ammont relativament baxx ta' għajjnuna jew id-daqs relativament żgħir tal-impriża benefiċjarja ma jeskludix, *a priori*, l-eventwalità li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jkun affettwat ⁽³⁸⁾. F'dan il-każ, il-benefiċjarju tal-ghajjnuna se jikseb vantaġġ li l-kompetituri barranin ma jistgħux jiksbu, minħabba s-selettività tal-ghajjnuna.
- (156) Barra minn hekk, l-implikazzjonijiet ta' għajjnuna fuq il-kompetizzjoni u l-effett tagħhom fuq il-kummerċ bejn Stati Membri jstgħu jiġu kkaratterizzati sakemm il-miżura tibbenefika lil impriża li topera f'settur li kien suġġett ta' liberalizzazzjoni fuq livell Europew ⁽³⁹⁾. F'dan il-każ, is-settur tal-enerġija kien is-suġġett ta' tali liberalizzazzjoni.
- (157) Għalhekk, il-miżura se taffettwa il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.4. *Konklúzjoni dwar l-eżistenza tal-ghajjnuna*

- (158) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

6.2. Il-legalità tal-ghajjnuna

- (159) Il-miżura għadha ma ġietx implimentata. Hija se titħallas għat-tħaddim tal-impjant, mill-bidu ta' [...]. Il-miżura se tkun implimentata wara din id-deċiżjoni. Din tal-aħħar ma tistax għalhekk titqies bħala li hija illegali.

6.3. Kompatibbiltà mas-Suq Intern

6.3.1. *Ġustifikazzjoni tal-qafas ta' analiżi użat*

- (160) Is-servizz ma jistax jiġi kkwalfikat bħala obbligu ta' servizz pubbliku, kif deskritt fil-premessi 144 sa 147. Għaldaqstant, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-qafas SIEĠ ma tapplikax f'dan il-każ.
- (161) Il-Kummissjoni għalhekk għandha tevalwa l-kompatibbiltà tal-miżura skont it-Taqsima 3.9 tal-EEAG. Il-punti 19 sa 34 tal-EEAG jiddefinixxu l-adeqwatezza tal-ġenerazzjoni bħala (i) il-livell ta' produzzjoni li huwa meqjus bħala adegwat biex jintlaħqu l-livelli tad-domanda fl-Istat Membru f'perjodu ta' żmien partikolari, (ii) li jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-użu ta' indikatur statistiku konvenzjonali użat minn organizzazzjonijiet ewlenin (pereżempju n-Netwerk Europew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku ("l-ENTSO-E")).
- (162) Fir-rigward tal-ewwel kriterju, il-Kummissjoni tqis li l-miżura tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' livell ta' produzzjoni biżżejjed biex jintlaħqu l-livelli tad-domanda fi Bretanja, kemm mil-lat kwantitattiv (ara l-premessa 166) u kwalitattiv (premessa 174).
- (163) Dwar it-tieni kriterju, il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi li jsostnu n-natura suffiċjenti tar-risposta miġjuba mill-impjant CCG għandhom ikunu oġġettiv b'mod sodisfaċenti (ara premessa 168).

6.3.2. *L-objettiv ta' interess komuni u tal-ħtieġa*

- (164) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura tikkontribwixxi għall-kisba ta' objettiv ta' interess komuni u hija meħtieġa, skont it-Taqsimiet 3.9.1 u 3.9.2 tal-EEAG, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-kwistjoni tal-adeqwatezza tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni għandha tiġi identifikata permezz tal-użu ta' indikatur kwantifikabbli u r-riżultati għandhom ikunu konsistenti mal-analiżi mwettqa mill-ENTSO-E; (ii) il-miżura trid tilħaq objettiv definit sew; (iii) il-miżura għandha tolqot in-natura u l-kawżi tal-problema u b'mod partikolari l-falliment tas-suq li ma jħallix lis-suq sabiex jipprovi l-livell meħtieġ ta' kapaċità; u (iv) l-Istat Membru għandu jkun qies għażliet oħra biex tiġi indirizzata l-problema.

⁽³⁸⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech vs. Parking Adjudicator, C-518/13.

⁽³⁹⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, Kawża C-222/04.

- (165) Il-kwistjoni tal-adegwatezza tal-kapaċità għet kjarment identifikata u kkwantifikata. L-għeluq, programmat fl-2017 fin-nuqqas ta' investiment ta' kapaċità, ta' erba' TAC ta' Brennelis u Dirinon u taqsimiet tal-fjuwil fuq is-sit ta' Cordemais, joħloq defiċit residwali ta' kapaċità stmat bejn 200 MW u 600 MW kull sena, fuq il-perjodu 2017–2023, kif espost fil-premessa 81. Anki jekk għet proposta estensjoni tat-tul tal-ħajja ta' dawn l-impjanti, dawn għandhom jitwaqqfu sa mhux aktar tard mill-2023. Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tinnotta l-produzzjoni baxxa fi Bretanja stess, b' 13,3 % tal-konsum fl-2014, li minnha 11,8 % permezz tal-enerġiji rinnovabbli li jiżvela' s-sehem mhux daqstant sinifikanti tal-produzzjoni mhux intermittenti. Dawn l-elementi jinnewaw l-argumenti miġjuba minn xi partijiet interessati (ara l-premessa 55). Dawn jikkonfermaw min-naħa l-oħra l-argumentazzjoni żviluppata minn dawn tal-aħħar esposta fil-premessi 61, 63 u 81.
- (166) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li r-riskju marbut maż-żamma ta' vultaġġ għe ogġettivat b'mod sodisfaċenti mill-awtoritajiet Franċiżi. Fil-fatt, RTE iddeċieda li jwaqqaf, f'erba' darbiet matul is-sena tal-2012, sistema speċifika ta' għieda kontra kwalunkwe inċident relatat ma' limitazzjoni tal-vultaġġ fi Bretanja. Sistema bħal din għandha tikkonsisti f'sistema ta' skattar ta' tnaqqis tat-tagħbija stabbilit waqt l-aktar perjodi kritiċi.
- (167) Il-bżonn tal-miżura ppreżentata mill-awtoritajiet Franċiżi huwa bbażat fuq dejta kwantifikata li tirriżulta minn studji magħmula minn RTE fil-kuntest tal-attività tiegħu ta' pubblikazzjoni annwali ⁽⁴⁰⁾.
- (168) Minn naħa, il-metodu użat huwa konformi ma' dak użat fil-bilanċ previst ta' RTE. Dan il-metodu huwa bbażat fuq approċċ probabilistiku fejn il-livelli ta' offerta u domanda jiġu kkonfrontati b'simulazzjoni tat-tħaddim tas-sistema elettrika Ewropea f'fażi tal-ħin fuq sena sħiħa. Xi parametri, bħal pereżempju d-disponibbiltà tal-impjant, għandhom ikunu bbażati fuq il-parametri ta' referenza tal-istudji mwettqa minn ENTSO-E.
- (169) Min-naħa l-oħra, sostanzjalment, id-dejta nnotifikata għandha tkun ibbażata fuq l-elementi tal-bilanċ li jattestaw (i) dinamika ta' konsum madwar 2,7 darba aktar mit-tendenza nazzjonali matul il-perjodu 2006–2012 (żieda fil-konsum ta' 1,6 % bħala medja fuq l-aħħar sitt snin fi Bretanja), (ii) il-waqtiet intensivi ta' konsum li għadhom sensitivi għall-kundizzjonijiet tal-klima u oġhla mis-sensittività medja fi Franza, li jiġu spjegati prinċipalment permezz tal-istruttura tal-konsum tar-reġjun fejn is-setturi residenzjali u terzjarji jokkupaw parti sinifikanti, (iii) mezz ta' produzzjoni lokali insuffiċjenti, billi l-mezz ta' produzzjoni li jinsabu fi Bretanja jipprovdu biss 13 % tal-enerġija elettrika kkunsmata fir-reġjun, (ara l-premessa 166) u (iv) titjib fin-netwerk li jirrispondi b'mod parzjali għall-kwistjoni tal-adegwatezza. Fil-fatt, l-iżbilanċ bejn tal-enerġija prodotta u l-enerġija kkunsmata jdgħajef is-sigurtà tal-provvista fir-reġjun u b'mod partikolari l-punti ta' dgħufija li ġejjin: it-Tramuntana ta' Bretanja, li jkopri l-biċċa l-kbira tad-Dipartiment ta' Côtes d'Armor kif ukoll l-agglomerazzjonijiet ta' Saint-Malo u Dinard, li l-provvista tagħhom tkun interrotta f'każ ta' indisponibbiltà tal-Assi 44 kV Domloup-Plaine Haute u l-madwar tar-reġjun ta' Bretanja, suġġett għal riskju ta' kollass tal-vultaġġ kkawżat mid-distanza bejn is-siti ta' produzzjoni u ċ-ċentri ta' konsum. Saru diversi investimenti minn RTE u b'mod partikolari l-istallazzjoni bejn l-2011 u l-2013 ta' mezz ta' kumpens mifruxa fuq it-territorju kollu tar-reġjun tal-punent b'kapaċità totali ta' 1 150 MVAR (megavolt ampere reattiv), sabiex ikun żgurat livell ta' qawwa meħtieġa matul perjodi ta' kasha. Skont RTE, dawn il-mezz ta' kumpens għandhom jiġu supplimentati b'konnessjoni tal-CCG de Landivisiau biex jagħtu mill-għid il-marġni ta' sigurtà meħtieġa fir-rigward tar-riskju ta' kollass tal-vultaġġ u tinkiseb għalhekk "xibka ta' sikurtà" suffiċjenti ⁽⁴¹⁾.
- (170) Imbagħad, il-miżura ssegwi objettiv definit sew li tindirizza nuqqasijiet fis-suq, jiġifieri nuqqas ta' investiment minkejja l-ħtieġa tagħha fi Bretanja, biex jiġi evitat kollass tal-vultaġġ fuq ir-reġjun f'termini usa', li ma jistax jiġi indirizzat biss permezz tal-ħolqien waħdu ta' linji tal-elettriku kif spjegat fil-premessa 98. Il-Kummissjoni ssostni l-argument li jgħid li r-reġjun ta' Bretanja jbati minn "flus neqsin" li jirriżultaw fi prezzijiet li ma jzdidux biżżejjed fil-kuntest Breton ta' nuqqas fil-provvista tal-elettriku, u ma jistax, kif imsemmi fil-premessi 101 u 95, jiġi rrimedjat permezz ta' qsim taż-żona tariffarja. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' kapaċità lanqas ma jippermetti li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjun (ara l-premessa 177).
- (171) Dawn l-elementi jispjegaw b'mod sodisfaċenti, skont il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' investiment f'kapaċità ġdida mingħajr għajjnuna finanzjarja pubblika.
- (172) Il-miżura tirrigwarda l-kawżi tal-problema identifikata u, b'mod partikolari l-falliment tas-suq li ma jhalluhx jipprovdi l-kapaċità meħtieġa, fuq żewġ livelli. Minn naħa, l-għażla tat-teknoloġija tal-CCG tippermetti li jiġu indirizzati fl-istess ħin kemm il-ħtiġijiet ta' qawwa u dawk ta' disponibbiltà, kif identifikati fil-EPBD. Il-CCG

⁽⁴⁰⁾ Il-bilanċ previst 2013 ta' RTE

⁽⁴¹⁾ Il-bilanċ previst 2013 ta' RTE, p. 42.

jippermetti li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u jikkontribwixxi biex jinżamm il-vultaġġ elettriku fiż-żona. Dan il-punt huwa żviluppat fil-premessi 104 *et seq.* Min-naħa l-oħra, is-sehem tal-produzzjoni mhux intermittenti u disponibbli f'waqtiet intensivi tax-xitwa huwa baxx ħafna, li huwa riskjuż.

- (173) Rigward il-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa li jinżamm livell ta' vultaġġ kostanti, il-Kummissjoni tosserva l-eżistenza ta' fraġilità elettrika, identifikata minn RTE, fit-Tramuntana ta' Bretanja. Iż-żona tat-Tramuntana ta' Bretanja hija fornuta b'ċirkwit wieħed ta' 400 kV u żewġ linji ta' 225 kV fil-Punent mill-pożizzjoni ta' La Martyre. Fil-każ ta' qtugħ il-linja bejn Rennes u Saint-Brieuc, ikun hemm tagħbija eċċessiva fuq żewġ linji ta' 225 kV, aggravata bit-tnaqqis ta' vultaġġ fiż-żona Rance. Din is-sitwazzjoni tirriżulta friskju ta' telf tal-integralità tal-provvista taż-żona, fin-nuqqas ta' tnaqqis fit-tagħbija fiż-żona tat-Tramuntana ta' Bretanja. Barra minn dan, f'każ ta' konsum b'saħħtu fit-totalità taż-żona tal-Punent, minħabba xi indisponibilitajiet ta' impjanti jew inċidenti ta' netwerk, il-Bretanja tkun esposta għal riskji ta' qtugħ immirat tal-provvista tal-elettriku tagħha iżda wkoll għal riskju ta' kollass ta' vultaġġ ġeneralizzat fuq ir-reġjun kollu tagħha.
- (174) L-Istat Membru ġġustifika n-nuqqas ta' użu ta' teknoloġiji oħra (pereżempju l-enerġija rinnovabbli), l-użu ta' tħassir, il-ħolqien ta' żona ta' prezzijiet jew it-tweġġ ta' linji ta' interkonnessjonijiet. Skont il-Kummissjoni, ebda wieħed minn dawn ir-rimedji individwali ma jista' jindirizza b'mod sħiħ ir-riskji sottolinjati u b'mod partikolari r-riskji ta' tnaqqis fil-vultaġġ, kif spjegat fil-premessa 16.
- (175) Rigward il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' użu esklużiv tal-linji ta' interkonnessjonijiet, il-Kummissjoni tirrileva li Bretanja, li tinsab fl-aħħar post, mhijiex f'sitwazzjoni komparabbli mar-reġjuni Franċiżi l-oħra li għandhom karatteristiċi simili (PACA, Franche Comté, Pays de la Loire, Korsika). Il-provvista tal-enerġija hija żgurata minn bosta interkonnessjonijiet ma' reġjuni oħra. Iż-żamma ta' vultaġġ mhijiex problematika. Barra minn hekk, hija ma tinstabx "fit-tarf tan-netwerk" bħal Bretanja. Korsika, li hija interkonnessa b'mod dgħajef ⁽⁴²⁾, tibbenefika hija nfisha minn kapaċitajiet sinifikanti fit-territorju tagħha.
- (176) Il-Kummissjoni Ewropea approvat il-proġett Franċiż tal-mekkaniżmu ta' kapaċità fit-8 ta' Novembru 2016 ⁽⁴³⁾. Kontribuzzjoni ċentrali fil-mekkaniżmu ta' kapaċità hija prinċipalment stabbilita permezz tal-ibbilanċjar mill-ġdid, li se jikkostitwixxi biss parti żgħira mid-dħul totali tal-impjant (madwar 1,5 % tad-dħul annwali totali), l-impatt ta' dan il-mekkaniżmu fuq il-proġett u t-teħid inkunsiderazzjoni tiegħu fl-evalwazzjoni tal-miżura huma limitati. Kull parteċipazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kapaċità lil hinn mill-bilanċ mill-ġdid mhijiex prevista fil-pjan ta' direzzjoni. Kieku sseħħ din il-parteeċipazzjoni, ir-rimunerazzjoni minn din il-parteeċipazzjoni titnaqqas mill-ammont tal-primjum.
- (177) Barra minn hekk, fir-Rapport finali tagħha dwar l-inkjesta settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità ⁽⁴⁴⁾, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-każ ta' problema lokali ta' adegwatezza tal-kapaċità ta' produzzjoni, l-għażla tal-użu ta' mekkaniżmu ta' kapaċità għandu jiddependi fuq il-karatteristiċi speċifiċi tas-suq ikkonċernat ⁽⁴⁵⁾. F'dan il-każ, l-eżistenza ta' domanda lokali fi Bretanja ma timplikax direttament il-ħolqien ta' offerta fi Bretanja. Fil-fatt, is-suq tal-elettriku Franċiż mhuiwix f'pożizzjoni li jiżvela id-domanda eżistenti għal kapaċità fil-livell lokali. In-natura estremament lokalizzata ta' nuqqas ta' kapaċità illum ma tistax tiġi solvuta permezz tal-mekkaniżmu waħdu ta' kapaċità ġdida applikata fi Franza.
- (178) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li l-miżura, li sservi l-oġġettiv ta' interess komuni li jiżgura l-provvista tal-elettriku, hija tabilħaqq meħtieġa fi Franza.

6.3.3. In-natura adegwata tal-ġhajjnuna

- (179) It-taqsima 3.9.3 EEAG teżiġi li l-miżura hija strument ta' intervent adegwat biex jiġi indirizzat l-oġġettiv ta' interess komuni identifikat. B'hekk, sabiex tkun ikkunsiderata bħala adegwata, għandhom ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin: i) l-ġhajjnuna trid tikkumpensa biss is-servizz ta' disponibbiltà ta' kapaċità; ii) il-miżura għandha tippovdi inċentivi adegwati kemm lil ġeneraturi eżistenti u kemm dawk futuri u għall-operaturi li jużaw teknoloġiji sostitwibbli, bħal reazzjoni min-naħa tad-domanda jew soluzzjonijiet ta' ħażna; u iii) l-ġhajjnuna għandha tqis sa liema punt il-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni jistgħu jirrimedjaw kwalunkwe problema eventwali ta' adegwatezza tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni.

⁽⁴²⁾ Il-kapaċità ta' kollegament bil-kejbil taħt il-baħar mas-Sardenja (kejbil wieħed) għandu jkun ta' 100 MW sal-2010 (sors: rapport dwar is-sistemi tal-enerġija tal-gżejjer — Korsika, Lulju 2015).

⁽⁴³⁾ Każ SA.39621 — Mekkaniżmu ta' kapaċità fi Franza.

⁽⁴⁴⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni — Ir-Rapport Finali tal-inkjesta settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' Kapaċità, it-30 ta' Novembru 2016 (http://ec.europa.eu/competition/sectors/energy/capacity_mechanisms_final_report_fr.pdf)

⁽⁴⁵⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni — Ir-Rapport Finali tal-inkjesta settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' Kapaċità, p. 17.

- (180) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li l-premjum teskludi kwalunkwe rimunerazzjoni għall-bejgħ tal-elettriku. Din tal-aħħar hija fil-fatt magħmula minn (i) terminu ta' valur tal-kapaċità li huwa ugwali għal [EUR 50 000-60 000]/MW/sena, u ta' tliet termini marbuta mal-lokalizzazzjoni ġeografika tal-proġett, jiġifieri: (ii) minn terminu ta' spiża inkrementali marbuta mal-gass li titla' għal [EUR 20 000-40 000] MW/sena, (iii) minn terminu ta' spiża inkrementali marbuta mal-konnessjoni li titla' għal EUR 6 000 MW/sena u (iv) minn terminu ta' spiża inkrementali marbuta mal-miżuri ambjentali partikolari ta' EUR 2 000 MW/sena. Għalhekk il-primjum tirrigwarda rimunerazzjoni ta' kapaċità u teskludi kwalunkwe rimunerazzjoni marbuta mal-bejgħ tal-elettriku.
- (181) It-tieni nett, għalkemm il-Kummissjoni tqis li l-ghajjnuna għet mogħtija permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti diskriminatorja (ara l-premessa 145), hija tikkunsidra li huwa leġittimu li l-awtoritajiet Franċiżi għamlu sejħa għal offerti għall-parteċipazzjoni biss ta' impjanti tat-tip CCG. Fil-fatt, din il-limitazzjoni hija spjegata minn hteġa speċifika għaż-żamma tal-vultaġġ f'termini enerġetiċi u ambjentali tajba. Fost l-impjanti tal-enerġija termali, u għaldaqstant meta mqabblin ma' impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam u mat-teknoloġiji li jaħdmu bil-fjuwil, l-impjanti tal-enerġija tal-gass għandhom ikunu dawk li jniġġsu l-anqas (ara wkoll il-premessa 102). L-għażla ta' impjant tat-tip CCG meta mqabbel ma' tipi oħra ta' impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass, u b'mod partikolari l-OGC, hija preferibbli mil-lat ambjentali peress li dan huwa mezz ta' produzzjoni bi prestazzjoni għolja tal-enerġija li juża' il-gass naturali, il-fjuwil l-inqas emittent ta' CO₂ fost il-fjuwils fossili, filwaqt li tipprovdi l-flessibilità u r-reattività meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-suq identifikati.
- (182) It-tielet nett, il-miżura tal-ghajjnuna għandha tieħu kont tal-kapaċità tal-interkonnessjonijiet, iżda din l-għażla ma tippermettix li tiġi indirizzata b'mod sodisfaċenti l-hteġa taż-żamma tal-livell ta' vultaġġ. Barra minn hekk, il-bini ta' interkonnessjonijiet jirriżulta minn viżjoni fit-tul. Il-proġetti ta' interkonnessjoni diġà qed jiġu mħejjija, bl-għan li tiżdied il-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit, bejn Bretanja u l-Irlanda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-miżura ma tipprekludix żieda ta' flussi fi tranżitu minn Bretanja fil-qafas tal-ħolqien tal-interkonnessjoni.
- (183) Barra minn hekk, għadd ta' miżuri alternattivi mhumiex xierqa:
- (1) L-enerġija rinnovabbli, li jittieħed kont tagħhom ukoll fl-ambitu tal-EPBD, ma jiggarrantixxux fihom infushom u f'dan ir-reġjun li jinsab fit-tarf tal-linja, la l-vultaġġ u lanqas ġestjoni effettiva ta' żieda fid-domanda.
 - (2) Is-siti l-oħra ta' produzzjoni ta' enerġija konvenzjonali waslu fl-aħħar tal-isfruttament tagħhom u t-TAC imsemmija hawn fuq fir-reġjun se jingħalqu sa mill-2023. In-natura tat-tniġġis tagħhom, enfasizzata fil-premessa 81, tipprekludi li tiġi kkunsidrata estensjoni addizzjonali tat-tul tal-ħajja tagħhom.
 - (3) Il-livell ta' investimenti ta' interkonnessjoni, li huwa ta' madwar 45 miljun euro fl-2015, se jikkontribwixxi biss b'mod insuffiċjenti għall-ħtiġijiet ta' kapaċità tar-reġjun. Il-Kummissjoni tinnota li saru diġà xogħlijiet sinifikanti fuq in-netwerk minn RTE, iżda dawn mhumiex biżżejjed biex jintlaħaq l-objettiv ta' sigurtà tal-provvista. Dawn il-miżuri kienu dawn li ġejjin: it-tisħiħ tas-"xibka ta' sikurezza" Breton bejn l-2011 u l-2013, l-installazzjoni ta' transformer għall-qalba tal-fażi fi Brennilis (2015) u l-irduppar tal-kapaċitajiet ta' trasformazzjoni 400/225 kV fi Plaine-Haute (2015). Madankollu, wara l-2017, transformer għall-qalba tal-fażi ta' Brennilis mhux se jkun biżżejjed biex jiggarrantixxi l-provvista tat-Tramuntana ta' Bretanja. Dan l-argument jikkonferma l-elementi rappurtati mill-partijiet interessati fil-premessa 65(2).
 - (4) L-iskonnessjoni ma tikkostitwixxix strument adegwat. Il-Kummissjoni tinnota li l-inklużjoni ta' skonnessjoni għad-diversi mekkaniżmi ta' bbilanċjar għet imsaħħa: wara programm ta' erba' (4) snin, is-swieq kollha (enerġija, riżervi, servizzi tas-sistema) huma miftuħin għall-iskonnessjoni mill-1 ta' Lulju 2014. Madankollu, l-iskonnessjoni ma tistax tikseb l-objettiv tal-miżura li għandha l-għan fl-istess ħin li jinkiseb bilanċ bejn l-offerta u d-domanda tal-elettriku u ż-żamma tal-vultaġġ.
- (1) Rigward il-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda, l-iskonnessjoni tippermetti effettivament it-tnaqqis jew il-posoniment tal-konsum. Madankollu, din is-sistema mhijiex immirata b'mod ġeografiku. Barra minn hekk, bħalissa huwa diffiċli li jiġu mobilizzati biżżejjed kapaċitajiet ta' skonnessjoni biex jiġi indirizzati l-iżbilanċ reġjonali. Pereżempju, programm ta' ttestjar imwettaq minn RTE fi Bretanja u ntiż għall-mobilizzazzjoni ta' offerti lokali ta' skonnessjoni ppermettiet l-mobilizzazzjoni ta' 62 MW bejn l-1 ta' Novembru 2014 u l-31 ta' Marzu 2015 ⁽⁴⁶⁾, imqabbel ma' żbilanċ residwu stmat ta' bejn 200 MW u 600 MW (premissa 166). Anki jekk sistema tkun implimentata fil-livell ta' Bretanja, hija ma tippermettix, minn natura tagħha stess, li jiġu indirizzati problemi lokali għaż-żamma ta' vultaġġ bil-forniment ta' qawwa suffiċjenti.

⁽⁴⁶⁾ RTE, Bilanċ previst tal-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda tal-elettriku fi Franza, edizzjoni tal-2015, p. 67.

- (2) Fir-rigward taż-żamma ta' vultaġġ, għalkemm l-iskonnessjoni tippermetti li jittaffew it-tensjonijiet fuq id-domanda fil-ħinjiet l-aktar intensivi u li jitnaqqsu l-perjodi ta' konsum intensiv mingħajr ma jsir użu minn sorsi ta' produzzjoni addizzjonali, dan ma jippermettix li jinżamm il-vultaġġ, li skont l-awtoritajiet Franċiżi teħtieġ injezzjoni ta' elettriku lokali fuq perjodi li ma jistgħux jiġu koperti mill-iskonnessjonijiet. Il-ħolqien ta' kapaċitajiet ġodda huwa għaldaqstant meħtieġ sabiex titwettaq tali injezzjoni.
- (184) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 194 TFUE invokat mill-awtoritajiet Franċiżi (ara l-premessa 105) ma tezentahomx milli jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar l-għajnuna mill-Istat meta din tal-aħħar tkun ingħatat lil produttur tal-elettriku.

- (185) Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li l-miżura hija tabilħaqq adegwata biex tilħaq l-oġġettiv ta' interess komuni identifikat.

6.3.4. Effett ta' inċentiv

- (186) L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna se jkun evalwat fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3.2.4 tal-EEAG. Tali effett ta' inċentiv iseħħ meta l-għajnuna tinċentiva lill-benefiċjarju li jibdel l-imġiba tiegħu sabiex jitjeb il-funzjonament tas-suq tal-enerġija; bidla fl-imġiba li kieku huwa ma jwettaqx fin-nuqqas tal-għajnuna.
- (187) Il-Kummissjoni tinnota li l-primjum jippermetti investiment f'kapaċitajiet ġodda li ma kienx isir fin-nuqqas tal-għajnuna, minħabba l-ispeċifitajiet tas-suq Breton. Mingħajr il-primjum, il-proġett ma kinx jippermetti redditu suffiċjenti (premissa (23)). F'dan il-kuntest, hija tiċħad l-argumenti tal-partijiet interessati ppreżentati fil-premessi (67) u (68).
- (188) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ.

6.3.5. Il-proporzjonalità

- (189) Il-Kummissjoni tevalwa l-proporzjonalità tal-miżura f'konformità mat-Taqsima 3.9.5 tal-EEAG. Miżura hija proporzjonali meta tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-kumpens jippermetti lill-benefiċjarji li jiksbu rata ta' redditu raġonevoli (preżunta fil-każ ta' proċedura ta' ħruġ għall-offerti kompetittiv fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji), u (ii) din tinkludi mekkaniżmi integrati li jipprekludu milli jkun hemm qligħ eċċezjonali.
- (190) Dawn il-kundizzjonijiet huma evalwati abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' stqarrija. Il-preżunzjonijiet tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ġew deskritti fit-Taqsima 2.6 ta' din id-deċiżjoni.
- (191) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li perjodu ta' 20 snin huwa meħtieġ biex tinkiseb l-IRR raġonevoli ta' [5–10] % meta mqabbla mal-kost medju ponderat tal-kapital (ara l-premessa li jmiss). Perjodu aktar qasir tal-proġett iwassal għal IRR aktar baxxa, li mhux meħtieġ fid-dawl ta' livell tal-IRR diġà kkunsidrat bħala aċċettabbli mill-Kummissjoni. Dan l-argument jikkonfuta l-ipoteżi deskritta fil-premessa 68(1).
- (192) Il-Kummissjoni tinnota sussegwentement li l-IRR tal-proġett hija ta' [5–10] %. In-natura proporzjonali ta' din ir-IRR hija evalwata bil-paragun tagħha mal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC — weighted average cost of capital). Il-WACC tal-proġett għandu jirrifletti r-riskji speċifiċi mhux diversifikabbli tal-proġett. Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-IRR tista' ssir permezz tal-paragun tagħha mal-WACC ta' bord ta' kumpaniji komparabbli, li l-medja tagħhom tammonta għal 6,6 % matul il-perjodu 2007-2016, li huwa viċin tal-IRR tal-proġett. Il-Kummissjoni għalhekk tinnota l-prossimità bejn l-IRR u l-firxa ta' WACC rilevanti stmata, li jippermettulha li tikkonkludi pożittivament dwar il-proporzjonalità tal-miżura.
- (193) L-affidabbiltà tan-natura proporzjonali hija msaħħa mill-istudji ta' sensitività proposti. Ġew fil-fatt imwettaq studji fuq il-bażi ta' kwalunkwe penaltajiet ta' dewmien, minħabba l-inflazzjoni, skont it-teħid inkunsiderazzjoni ta' eventwali valur terminali. Diversi ipoteżijiet ta' prezzijiet ġew ikkunsidrati biex jitkejlu l-konsegwenzi tal-kuntratt ta' tolling fuq il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.
- (194) Rigward il-prevenzjoni tar-riskju ta' twestiq ta' qligħ eċċezjonali, il-Kummissjoni tinnota li skont id-disinn il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ppreżentat mill-Konsorzju ma jippermettix it-twestiq ta' qligħ eċċezjonali. Iż-żewġ komponenti ewlenin ta' dħul huma, minn naħa, il-primjum riċevuta li tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-impjant, innegożjat b'mod kuntrattwali, u li għalhekk ma jippermettix li jsir qligħ eċċezjonali. Min-naħa l-oħra, ir-rimune-razzjoni skont il-kuntratt ta' tolling hija wkoll kuntrattwalment innegożjata u ma toffrix lill-konsorzju l-possibbiltà li jagħmel qligħ eċċezjonali.

- (195) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Konsorzju se jkollu l-possibbiltà li jipparteċipa fil-mekkaniżmu ta' kapaċità skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-premessa 25. Madankollu r-rimunerazzjoni permessa permezz tal-parteċipazzjoni, fejn applikabbli, fil-mekkaniżmu ta' kapaċità għandha titnaqqas mill-primjum. In-nuqqas ta' rimunerazzjoni doppja jidher li huwa għalhekk element li jsostni l-proporzjonalità tal-miżura.
- (196) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmu huwa proporzjonali mal-objettiv tiegħu.

6.3.6. Il-prevenzjoni ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (197) Skont il-punt 3.9.6 tal-EEAG, sabiex l-għajjnuna titqies bħala kompatibbli, din trid tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) għandha tkun miftuħa lill-fornituri kollha b'kapaċità xierqa meta dan ikun teknikament u fiżikament possibbli; (ii) ma tnaqqasx l-inċentivi għall-investiment fl-interkonnessjonijiet u ma timminax l-akkoppjament tas-swieg; (iii) ma timminax id-deċiżjonijiet ta' investiment li jiġu qabel l-introduzzjoni tal-miżura; (iv) ma ssahhax indebitament il-pożizzjonijiet dominanti; u (v) tagħti preferenza lill-ġeneraturi b'livell baxx ta' karbonju f'każijiet ta' parametri tekniċi u ekonomiċi ekwivalenti.
- (198) Rigward l-ewwel kriterju, il-premessa 232 tal-EEAG jispeċifika li l-parteċipazzjoni f'mekkaniżmi ta' kapaċità "tista' tkun ristretta biss jekk il-kwalitajiet tekniċi meħtieġa biex tiġi rrimedjata l-problema ta' adegwatezza tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni mhumiex biżżejjed" ⁽⁴⁷⁾. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-kwalitajiet tekniċi ta' ċerti kapaċitajiet ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-CCG, huma ċarament aktar adegwati biex jirrimedjaw b'mod effiċjenti għall-problema ta' adegwatezza tal-kapaċitajiet milli oħrajn, b'mod partikolari l-OGC u t-TAC. B'mod aktar speċifiku, il-kwalitajiet tekniċi ta' dawn tal-aħħar ma jippermettux l-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u għalhekk ekonomika tal-proġett ta' investiment, meta wieħed iqis l-arranġamenti u t-tul ta' żmien ta' funzjonament tal-mezz ta' produzzjoni mifttex mill-awtoritajiet Franċiżi, biex tiġi indirizzata l-problema tal-adegwatezza tal-kapaċitajiet identifikata.
- (199) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota fil-fatt li t-teknoloġiji konvenzjonali m'għandhomx il-kapaċità teknika ekwivalenti sabiex jirrispondu b'mod effiċjenti biżżejjed u vijabbli għall-bżonnijiet identifikati kollha fil-paragrafu 3.3 tal-ispeċifikazzjonijiet.
- (200) L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-paragun ma' mal-OGC, l-istudju tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija — Aġenzija għall-enerġija nukleari (AIE-AEN) "Edizzjoni 2015 dwar il-Kostijiet Stmati għall-Ġenerazzjoni tal-Elettriku" juru li l-CCG huwa mezz ta' produzzjoni tal-elettriku iktar ekonomiku b'mod sinifikanti fil-każ ta' perjodi ta' tħaddim sinifikanti. Il-kostijiet ta' referenza għall-produzzjoni tal-elettriku ppreżentati minn dan l-istudju juru b'dan il-mod li l-LCOE ⁽⁴⁸⁾ ta' impjant OGC mibni fil-Belġju jew fil-Ġermanja ⁽⁴⁹⁾ huwa ferm ogħla mil-LCOE ta' impjanti CCG Belġjani jew Ġermaniżi. Ikkonvertiti f'EUR/MWh, kemm il-kostijiet ta' investiment u kif ukoll il-kostijiet ta' manutenzjoni għall-użu huma għalhekk ogħla għal OGC milli għal CCG. Il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju huma ppreżentati fit-Tabella hawn taħt:

Kost totali medju tal-produzzjoni tal-elettriku

Table 3.9: Levelised cost of electricity for natural gas plants

| Country | Technology | Net capacity ⁽¹⁾ (MWe) | Electrical conversion efficiency (%) | Investment cost ⁽²⁾ (USD/MWh) | | |
|---------|------------|-----------------------------------|--------------------------------------|--|-------|-------|
| | | | | 3 % | 7 % | 10 % |
| Belgium | CCGT | 420 | 60 | 9,65 | 13,82 | 17,45 |
| | OCGT | 280 | 44 | 14,54 | 20,82 | 26,28 |
| France | CCGT | 575 | 61 | 6,92 | 11,37 | 15,40 |

⁽⁴⁷⁾ Il-premessa (232)(a) tal-EEAG

⁽⁴⁸⁾ "Levelised cost of electricity": kost livellat tal-produzzjoni ta' elettriku

⁽⁴⁹⁾ Dan l-istudju ma jippreżentax il-kost ta' OGC fi Franza, b'mod li l-ebda bini reċenti jew futuri ma jippermetti li jiġi stabbilit prezz ta' referenza għal pajpiżna.

| Country | Technology | Net capacity ⁽¹⁾ (MWe) | Electrical conversion efficiency (%) | Investments cost ⁽²⁾ (USD/MWh) | | |
|----------------|------------------|--------------------------------------|--------------------------------------|--|-------|-------|
| | | | | 3 % | 7 % | 10 % |
| Germany | CCGT | 500 | 60 | 6,77 | 10,90 | 14,56 |
| | OCCGT | 50 | 40 | 39,90 | 60,80 | 79,19 |
| Hungary | CCGT (dual fuel) | 448 | 59 | 7,53 | 11,79 | 15,67 |
| Japan | CCGT | 441 | 55 | 8,67 | 13,96 | 18,64 |
| Korea | CCGT | 396 | 58 | 7,03 | 11,29 | 15,04 |
| | CCGT | 791 | 61 | 5,86 | 9,40 | 12,52 |
| Netherlands | CCGT | 870 | 59 | 7,89 | 12,70 | 16,96 |
| New Zealand | CCGT | 475 | 45 | 10,09 | 15,38 | 20,03 |
| | OCCGT | 200 | 30 | 28,31 | 43,13 | 56,18 |
| Portugal | CCGT | 445 | 60 | 8,35 | 12,72 | 16,57 |
| United Kingdom | CCGT | 900 | 59 | 7,64 | 12,02 | 16,03 |
| | OCCGT | 565 | 39 | 48,11 | 74,54 | 98,37 |
| United States | CCGT | 550 | 60 | 8,06 | 13,24 | 17,94 |

Non-OECD countries

| | | | | | | |
|-------|------|-----|------|------|------|------|
| China | CCGT | 350 | 55 % | 4,36 | 7,03 | 9,38 |
|-------|------|-----|------|------|------|------|

⁽¹⁾ Net capacity may refer to the unit capacity or to the combined capacity of multiple units on the same site.

⁽²⁾ Investment cost includes overnight cost (with contingency) as the implied IDC.

(Il-kontinwament tat-Tabella — fuq in-naħa tal-lemin)

| Refurbishment and decommissioning costs (USD/MWh) | | | Fuel cost (USD/MWh) | Carbon cost (USD/MWh) | O&M costs (USD/MWh) | LCOE (USD/MWh) | | | Country |
|---|------|------|------------------------|--------------------------|------------------------|-------------------|--------|--------|---------|
| 3 % | 7 % | 10 % | | | | 3 % | 7 % | 10 % | |
| 0,21 | 0,12 | 0,07 | 74,62 | 10,08 | 3,97 | 98,54 | 102,61 | 106,19 | Belgium |
| 0,32 | 0,17 | 0,11 | 100,91 | 14,01 | 5,35 | 135,13 | 141,26 | 146,66 | |
| 0,11 | 0,05 | 0,02 | 68,99 | 10,56 | 6,25 | 92,83 | 97,21 | 101,23 | France |
| 0,11 | 0,05 | 0,02 | 74,00 | 9,90 | 7,71 | 98,49 | 102,56 | 106,20 | Germany |
| 0,76 | 0,36 | 0,20 | 111,00 | 15,15 | 29,68 | 196,50 | 216,99 | 235,23 | |
| 0,00 | 0,00 | 0,00 | 71,21 | 10,56 | 7,64 | 96,94 | 101,20 | 105,08 | Hungary |
| 0,15 | 0,06 | 0,03 | 104,07 | 10,95 | 9,38 | 133,21 | 138,42 | 143,07 | Japan |
| 0,00 | 0,00 | 0,00 | 98,97 | 10,27 | 5,55 | 121,82 | 126,08 | 129,82 | Korea |
| 0,10 | 0,04 | 0,02 | 95,21 | 9,89 | 4,05 | 115,11 | 118,60 | 121,70 | |

| Refurbishment and decommissioning costs (USD/MWh) | | | Fuel cost (USD/MWh) | Carbon cost (USD/MWh) | O&M costs (USD/MWh) | LCOE (USD/MWh) | | | Country |
|---|------|------|---------------------|-----------------------|---------------------|----------------|--------|--------|----------------|
| 3 % | 7 % | 10 % | | | | 3 % | 7 % | 10 % | |
| 0,13 | 0,05 | 0,03 | 75,25 | 9,90 | 3,53 | 96,71 | 101,45 | 105,68 | Netherlands |
| 0,19 | 0,09 | 0,05 | 46,75 | 11,22 | 7,38 | 75,64 | 80,82 | 85,43 | New Zealand |
| 0,54 | 0,26 | 0,14 | 69,26 | 16,62 | 14,39 | 129,11 | 143,65 | 156,58 | |
| 0,16 | 0,08 | 0,04 | 74,00 | 9,90 | 6,24 | 98,65 | 102,93 | 106,75 | Portugal |
| 0,00 | 0,00 | 0,0 | 75,51 | 9,43 | 6,63 | 99,21 | 103,59 | 107,59 | United Kingdom |
| 0,00 | 0,00 | 0,00 | 113,85 | 14,22 | 36,45 | 212,63 | 239,06 | 262,89 | |
| 0,13 | 0,05 | 0,03 | 36,90 | 11,10 | 4,65 | 60,84 | 65,95 | 70,62 | United States |

Non-OECD countries

| | | | | | | | | | |
|------|------|------|-------|-------|------|-------|-------|-------|-------|
| 0,07 | 0,03 | 0,01 | 71,47 | 11,02 | 3,25 | 90,17 | 92,79 | 95,13 | China |
|------|------|------|-------|-------|------|-------|-------|-------|-------|

Note: CGTs were modelled under an assumed capacity factor 85 %. OCGTs were modelled under nationally provides capacity factors.

Sors: Nota tal-awtoritajiet Franċiżi tal-20 ta' Marzu 2017, meħuda mill-istudju AIE-AEN tal-2015, p. 48-49

- (201) Abbażi tat-tul ta' żmien ta' funzjonament stmat għal EUR [3 000-6 500] siegħa fis-sena u madwar 1 600 GWh ta' produzzjoni annwali ⁽⁵⁰⁾, il-Kummissjoni tqis li l-kwalitajiet tekniċi tal-OGC jirriżultaw, *ceteris paribus* u fid-dawl tad-daqs tal-ghajjnuna rċevuta minn CEB, f'kostijiet tal-produzzjoni tal-elettriku bejn ca. EUR 60 miljun u ca. EUR 190 miljun, meta mqabbla ma' qligħ ta' ca. EUR 90 miljun fis-sena. L-użu ta' OGC għalhekk jaffettwa b'mod eċċessiv l-ekwilibriju ekonomiku tal-proġett u jipperikola l-vijabbiltà tiegħu. Il-Kummissjoni tista' b'hekk tasal għall-konklużjoni biss tan-natura insuffiċjenti tal-kwalitajiet tekniċi tal-OGC li ma jistgħux jiżguraw il-vijabbiltà tal-proġett u għalhekk ma jistgħux isolvu l-problema ta' produzzjoni tal-kapaċitajiet.
- (202) Barra minn dan l-istudju, il-Kummissjoni tinnota li dawn il-kostijiet għoljin tal-produzzjoni tal-OGC jiġu spjegati minn tnaqqis fl-effiċjenza enerġetika. L-effiċjenza enerġetika ta' OGC hija anqas minn 40 % u tabilħaqq 55 % minn dik ta' CCG. OGC kienet għalhekk tirrikjedi l-provvista ta' mill-anqas 40 % tal-gass aktar milli għal CCG tal-istess qawwa ⁽⁵¹⁾.
- (203) It-tieni nett, rigward il-paragun ma' TAC, il-Kummissjoni tinnota li din it-teknoloġija, l-istess bħall-OGC, tippreżenta kost ta' tħaddim marġinali għola minn dak tal-CCG. Lil hinn minn perjodu ta' tħaddim ta' 200 siegħa fis-sena għat-TAC (1 000 sigħat għall-OGC), din it-teknoloġija qed issir aktar għolja mit-teknoloġija tal-CCG. Din it-TAC hija għalhekk inqas effiċjenti mill-OGC għal tul ta' tħaddim ogħla minn 1 000 siegħa, kif inhu l-każ hawnhekk. Peress li l-Kummissjoni talbet li l-OGC f'kundizzjonijiet ta' tħaddim ta' din il-kawża jista' jipperikola l-vijabbiltà tal-proġett, *ceteris paribus*, l-użu ta' TAC ma jistax, *a fortiori*, ħlief jipperikola l-vijabbiltà tal-proġett.
- (204) Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi kkunsidrat ukoll, fil-każ tal-miżura notifikata, l-influwenza tal-effiċjenza enerġetika fuq il-kostijiet totali tal-proġett. Fil-fatt, effiċjenza ogħla tippermetti li titnaqqas il-kwantità ta' gass li għandha tiġi fornita sal-istallazzjoni, għall-istess qawwa elettrika partikolari. Peress li l-effiċjenza enerġetika ta' OGC hija anqas minn 40 %, u għal CCG riċenti lil hinn minn 55 %, OGC kienet tirrikjedi l-provvista ta' mill-anqas 40 % tal-gass aktar minn CCG tal-istess qawwa. Dan il-punt huwa essenzjali fil-każ ta' sejħa għal offerti fi Bretanja, fejn it-tisħiħ tan-netwerk tal-gass huwa previst bħala parti mill-ispejjeż li jiġġustifikaw l-għoti ta' ghajjnuna mill-Istat. Għall-memorja, il-parti tal-primjum li tikkorrispondi għat-trasport ta' gass tirrappreżenta 33 % tal-premjum totali mħallas lill-applikant. Effiċjenza enerġetika akbar għal CCG tippermetti b'hekk li titnaqqas il-kapaċità għall-forniment meħtieġ tal-gass, u għalhekk il-kostijiet ta' dan il-proġett li jirrikjedu t-tisħiħ tan-netwerk ta' trasport tal-gass fi Bretanja.

⁽⁵⁰⁾ Sors: pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' CEB.

⁽⁵¹⁾ Ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-20 ta' Marzu 2017.

- (205) Il-miżura hija għalhekk miftuħa għal fornituri ta' kapaċità li jistgħu jirrimedjaw b'mod effiċjenti għall-problema ta' adegwatezza tal-kapaċitajiet identifikata minn Franza.
- (206) Rigward it-tieni kriterju, il-Kummissjoni tinnota li l-miżura ma tnaqqasx l-inċentivi għall-investiment fl-interkonnessjonijiet jew tipperikola l-akkoppjament tas-swieq. Fil-fatt, il-proġetti ta' interkonnessjoni qegħdin jiġu studjati, bl-għan li tiżied il-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit sal-2022, bejn Bretanja u l-Irlanda sal-2025. Il-miżura tippermetti li jiżiedu l-flussi li qed jittransitaw mill-Bretanja fil-kuntest tal-ħolqien tal-interkonnessjoni.
- (207) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li r-regoli dettaljati tas-sejħa għal offerti ġew imfassla b'tali mod li jiġi evitat kull tip ta' parteċipazzjoni tal-CCG fi swieq differenti. L-istallazzjoni ma għandhiex neċessarjament tirriżerva parti mill-qawwa tagħha għall-mekkaniżmu ta' aġġustament. Jekk l-impjant biegħ il-qawwa kollha tiegħu fis-suq tal-elettriku u pproduċa sal-limitu tal-qawwa massima tiegħu, ma jkunx meħtieġ li huwa jippreżenta l-offerti fuq il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-perjodu korrispondenti.
- (208) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-dħul tal-proġett fuq l-ibbilanċjar mill-ġdid mhuwiex daqstant sinifikanti (madwar 1,5 % tad-dħul annwali) u għalhekk ma jistax ikun ikkunsidrat bħala li jippreżenta riskju sinifikanti fis-suq tal-aġġustament.
- (209) Rigward it-tielet kriterju, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna għal impjant ta' tip ċiklu kkombinat, għalkemm mhijiex l-unika teknoloġija li tippermetti ż-żamma ta' vultaġġ għal perjodu twil, tibqa' l-unika teknoloġija li tissodisfa l-ħtieġa taż-żamma tal-vultaġġ fil-kundizzjonijiet ta' effiċjenza l-aktar aċċettabbli, kif deskritt fil-premessi 199 sa 204.
- (210) Rigward ir-raba' kriterju, il-Kummissjoni tinnota li l-impriżi li jiffurmaw il-konsorzju CEB mhumiex parteċipanti dominanti fis-suq tal-elettriku Franċiż. Għalhekk il-miżura mhux se tgħin biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-benefiċjarju dirett tal-għajnuna. Fil-fatt, il-miżura tikkontribwixxi għall-kompetizzjoni fi Franza minħabba l-pożizzjoni tas-suq ta' Direct Energie, fornitur u produttur alternattiv. Dan l-element jikkonferma, barra minn hekk, l-argumentazzjoni esposta fil-premessa 73.
- (211) Il-Kummissjoni tinnota sussegwentement li l-miżura tinvolvi riskju ta' tisħiħ tal-pożizzjoni fis-suq tal-operatur dominanti.
- (212) Il-Kummissjoni tirrileva li EDF, l-operatur dominanti, għandu sehem sinifikanti mis-suq fi Franza. EDF għandha 83,5 % tal-produzzjoni totali tal-elettriku u 89,4 % tal-kapaċità totali installata fi Franza⁽⁵²⁾. EDF għandu impjant ta' produzzjoni mingħajr ekwivalenti fi Franza, kemm f'termini tar-rilevanza tiegħu kif ukoll tad-diversità tiegħu. Dawn jikkonċernaw prinċipalment il-produzzjoni nukleari u idroelettrika.
- (213) Madankollu l-Konsorzju CEB se jkollu żewġ għażliet. Huwa jista' jew ibiġh l-elettriku prodott lill-operatur tas-suq dominanti, għal 95 % tal-prezz tas-suq (ara l-premessa 11), jew jbiġh l-elettriku fil-forma ta' kuntratt ta' *tolling* skont ir-regoli dettaljati deskritti fil-premessa 32.
- (214) Dawn l-għażliet, jekk dawn jiġu attivati, jistgħu jsaħħu l-pożizzjoni fis-suq tal-operatur preeżistenti billi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu l-volumi ta' elettriku prodotti mill-impjant.
- (215) L-ewwel nett, il-kontroll tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn parteċipant fis-suq jikkontribwixxi għal nuqqas ta' likwidità fis-swieq bl-ingrossa u jippenalizza lill-fornituri alternattivi. EDF tikkontrolla aktar minn 80 % tal-produzzjoni tal-elettriku fi Franza. F'dan il-każ, dan il-kontroll ikun imsaħħaħ fl-ipoteżi ta' kkuntrattar mal-konsorzju CEB, kemm permezz ta' kuntratt ta' *tolling* kif ukoll b'kuntratt fuq medda twila għax-xiri tal-elettriku. Din il-pożizzjoni kompetittiva msaħħa ta' EDF tolgot il-kapaċità tal-fornituri alternattivi li jixtru fuq is-swieq bl-ingrossa b'termini kompetittivi, billi tesponihom għal riskju ta' nuqqas ta' likwidità u riskju ta' volatilità tal-prezzijiet. F'dan il-kuntest, l-aċċess ta' fornituri alternattivi għal kapaċitajiet ta' produzzjoni proprji jippermettilhom li ma jkunux esposti għal dawn ir-riskji. Dan l-aċċess għal kapaċitajiet ta' produzzjoni proprji għandu għalhekk jiġi żgurat.
- (216) Fit-tieni lok, il-pożizzjoni dominanti ta' parteċipant integrat vertikament fuq il-produzzjoni tagħti ukoll vantaġġ kompetittiv sinifikanti fuq il-provvista tal-elettriku. Minħabba s-sinifikanza tal-kostijiet ta' produzzjoni fil-kostijiet totali ta' provvista, il-kontroll tal-ġenerazzjoni għandu impatt fuq il-provvista bl-imnut. Il-kompetituri ta' EDF għandhom fit jew ebda kapaċità ta' produzzjoni biex tiġi żgurata provvista ta' elettriku bażiku b'kostijiet ta'

(52) Deġta għas-sena 2015. Sorsi: Il-Kummissjoni li tirregola l-enerġija u RTE

produzzjoni varjabbli baxxi daqs dik ipprovduta mill-impjant ikkontrollat minn EDF. Madankollu, EDF bħalissa għandha madwar 86 % tal-ishma tas-suq fis-suq tal-konsumaturi ⁽⁵³⁾. Il-possibbiltà għal EDF li ssir parti għall-kuntratt ta' *tolling* jew li tixtri l-elettriku kollu prodott mill-impjant permezz ta' kuntratt ta' xiri fuq medda twila se żżid b'hekk il-kapaċità tagħha biex tkun tista' tissodisfa d-domanda fis-suq tal-konsumaturi. L-aċċess tal-fornituri alternattivi għal kapaċitajiet ta' produzzjoni proprji jippermetti għalhekk ukoll li jiġi evitat it-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti tal-operatur preeżistenti fis-suq tal-konsumaturi.

- (217) Il-Kummissjoni tqis li dawn ir-riskji ta' tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' EDF fuq is-swieq tal-operaturi u tal-konsumaturi jistgħu jiġu koperti minn obbligu minn naħa tal-awtoritajiet Franċiżi li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-benefiċjarju tal-ghajjnuna ma jistax jagħmel kuntratt, għal ebda wieħed minn dawn iż-żewġ mekkaniżmi kuntrattwali, ma' operatur li jkollu fuq is-suq Franċiż iktar minn 40 % tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' elettriku.
- (218) Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ħafna tas-suq Franċiż tal-elettriku, din il-kundizzjoni li hija limitata għal 40 % hija proporzjonali. Fil-fatt, din tippermetti li jiġi evitat it-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-suq tal-operatur dominanti li jista' indirettament jirriżulta mill-miżura ta' ghajjnuna permezz ta' mekkaniżmi kuntrattwali msemmija fil-premessa 214.
- (219) Fid-dawl tal-elementi deskritti f'din it-taqsim, u jekk il-kundizzjoni deskritta fil-premessa 218 tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tkunx ta' ħsara għall-kompetizzjoni u għall-kummerċ bejn l-Istati Membri b'mod li tqiegħed friskju t-twettiq tal-oġġettiv ta' interess komuni.
- (220) Bħala konklużjoni, u fid-dawl tar-rimedji proposti minn Franza, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tirriskjax aktar distorsjoni indebita tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.3.7. Trasparenza

- (221) L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li jiġi ppubblikat it-test dwar l-iskema ta' ghajjnuna, l-identità tal-awtorità jew l-awtoritajiet tal-għoti, l-identità tal-benefiċjarju, il-forma u l-ammont ta' ghajjnuna mogħtija, id-data tal-għotja, it-tip ta' impriża kkonċernata, ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju u s-settur ekonomiku prinċipali li fih huwa jeżerċita l-attivitàtjiet tiegħu.
- (222) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Franċiżi ssodisfaw l-obbligi ta' trasparenza previsti mill-EEAG. L-informazzjoni ppubblikata dwar id-deċiżjoni tal-għoti ta' ghajjnuna u r-regoli dettaljati tagħhom ta' implimentazzjoni, l-identità tal-awtorità tal-għoti, l-identità tal-benefiċjarju, il-forma u l-ammont tal-ghajjnuna mogħtija, id-data tal-għotja, it-tip ta' impriża kkonċernata, ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju u s-settur ekonomiku prinċipali li fih huwa jeżerċita l-attivitàtjiet tiegħu.
- (223) Barra minn hekk, is-sit <http://www.europe-en-france.gouv.fr/Centre-de-ressources/Aides-d-Etat/Regimes-d-aides> jippreżenta l-iskemi ta' ghajjnuna kollha approvati mill-Kummissjoni Ewropea fi Franza, inkluż din is-sejħa għal offerti. Fl-aħħar nett, l-ammonti annwali ta' ghajjnuna mogħtija lill-impriża se jiġu ppubblikati fuq bażi annwali fuq l-istess sit web.
- (224) Għal dawn ir-raġunijiet, il-kundizzjonijiet ta' trasparenza li jirriżultaw mill-EEAG huma rispettati.

7. KONKLUŻJONIJIET

- (225) Il-miżura mogħtija minn Franza lill-konsorzju CEB tikkostitwixxi ghajjnuna.
- (226) Il-miżura se tkun kompatibbli mal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna tal-Istat għall-ħarsien tal-Ambjent tal-2014, ladarba l-awtoritajiet Franċiżi jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-benefiċjarju tal-ghajjnuna ma jirkuprax, għall-perjodu sħiħ tal-ghajjnuna, l-enerġija mill-impjant mingħand operatur li jkollu fuq is-suq Franċiż iktar minn 40 % tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-elettriku, kemm jekk ikun permezz ta' ftehim ta' *tolling* jew kuntratt ta' bejgħ fuq medda twila tal-enerġija prodotta mill-impjant għal prezz ugwali għal 95 % tal-prezz tas-suq.

⁽⁵³⁾ Rapport mill-Kummissjoni ta' regolamentazzjoni tal-enerġija, Osservatorju tas-suq tal-konsumaturi, Ċifri ta' Settembru 2016

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura li Franza qed tippjana li timplimenta favur il-konsorzju CEB, li jikkonsisti fl-għoti ta' primjum ta' EUR 94 000/MW/sena bil-valur tal-31 ta' Novembru 2011 u mħallas għal perjodu ta' 20 sena, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li taqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE, li hija kompatibbli mas-suq intern bis-saħħa tal-Artikolu 107(3) TFUE, abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Franza għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li, għad-durata kollha tal-għajnuna msemija fl-Artikolu 1, il-benefiċjarju tal-miżura ma jkunx jista' jirkupra l-enerġija tal-impjant mingħand operatur li jkollu fis-suq Franċiż iktar minn erbgħin fil-mija tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija, sew jekk permezz ta' ftehim ta' *tolling* jew kuntratt ta' bejgħ fuq medda twila tal-enerġija prodotta mill-impjant.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tawtorizza l-għajnuna msemija fl-Artikolu 1, li għandu jiġi implimentat fil-forma ta' ħlas ta' primjum lill-konsorzju CEB għad-durata tal-użu tal-impjant, jiġifieri għad-durata massima ta' għoxrin sena. Jekk din il-miżura tinżamm, din għandha tiġi nnotifikata mill-ġdid wara tali perjodu.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT